MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 163/2015 LM

**Tomas Hvizdak, detentur tal-passaport Slovakk bin-numru BA5422013 kif lokalment rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Dr Christopher Dalli, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 141289(M), u b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2018 l-Avukat Dr Daniela Bugeja Mangion (K.I. 578379M) issostitwiet lill-Avukat Dr Christopher Dalli bħala mandatarju speċjali tal-attur**

***vs.***

**Eurocasinobet Limited (C 42708)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Frar, 2015 minn Dr Christopher Dalli (K.I. 141289M) bħala mandatarju speċjali ta' **Thomas Hvizdak** (BA5422013), (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minn Dr Christopher Dalli stess bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Thomas Hvizdak, li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà intimata hija soċjetà reġistrata f'Malta li topera fis-settur tal-logħob tal-azzard f'distanza (remote gaming) kif debitament awtorizzata minn liċenzja maħruġa mill-Awtorità Maltija għal-Logħob (MGA);*
2. *Illi r-rikorrenti ftiehem kontrattwalment mas-soċjetà intimata b'kuntratt fit-18 ta' Novembru 2011, kif jidher mill-korrispondenza u kopja tal-kuntratt hawn annessi u mmarkati Dokument 'A' u 'B', biex jopera bħala 'affiliate' tas-soċjetà intimata u jiddevja traffiku, u konsegwentement plejers ġodda għas-siti: www.Eurocasinobet.com, www.Eurovikingcasino.com, u www.afroditecasino.com li huma operati mis-soċjetà intimata;*
3. *Illi l-partijiet qablu permezz ta' dan il-ftehim kontrattwali, fil-klawsoli wieħed u tnejn taħt is-sezzjoni intitolata 'Payment', li r-rikorrenti jitħallas persentaġġ tad-dħul nett (fl-ammont ta' tletin fil-mija) mill-ammont li tirċievi s-soċjetà intimata minn plejers introdotti mir-rikorrenti;*
4. *Illi l-partijiet operaw b'dan il-mod għal perijodu ta' sena sakemm is-soċjetà intimata f'Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) mingħajr ebda raġuni valida u b'mod illeċitu imblukkat l-aċċess għas-sezzjoni tas-siti li turi l-informazzjoni tal-attività tal-plejers introdotti mir-rikorrenti b'mod illi r-rikorrenti ma baqax f'pożizzjoni li jkun jista' jissorvelja l-attività tal-plejers u b'hekk ma setax jiddetermina l-ammont dovut lilu mingħand is-soċjetà intimata;*
5. *Illi s-soċjetà intimata bla ebda raġuni valida waqfet tagħmel pagamenti lir-rikorrenti fil-bidu tas-sena elfejn u tnax (2012), fejn l-aħħar ammont li tħallas kien dak dovut għax-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011), bi ksur tal-klawsola tlieta (3) tas-sezzjoni intitolata 'Payment', b'hekk li saż-żmien li s-soċjetà intimata imblukkat l-aċċess, l-ammont pagabbli lir-rikorrent ammonta għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€27,778.08) kif indikat fl-iscreenshot hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'C';*
6. *Illi minkejja l-fatt li s-soċjetà intimata imblukkat l-aċċess tar-rikorrenti, is-soċjetà intimata qatt ma tterminat il-kuntratt bejn il-partijiet bil-proċedura preskritta fil-kuntratt taħt is-sezzjoni 'Termination' u għalhekk il-kuntratt baqa' validu skont il-liġi u jibqa' japplika bejn il-partijiet b'ċertu mod li l-'Commissions' pagabbli baqgħu jiżdiedu matul iż-żmien mingħajr ma jiġu mħallsa lir-rikorrenti;*
7. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-aġir illeċitu mwettaq mis-soċjetà intimata, ir-rikorrenti sofra danni inġenti konsistenti f'telf ta' ammont dovut skont il-kuntratt bejn il-partijiet li ħa tiġi likwidata bil-provi fil-mori tal-kawża odjerna.*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:*

1. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata responsabbli għad-danni kawżati lir-rikorrenti minħabba l-aġir illeċitu tagħhom;*
2. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-imsemmija parti tad-danni ġia ċerti, likwidati fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€27,778.08) lir-rikorrenti, jew ammont ieħor verjuri dovut taħt il-kuntratt saż-żmien preżenti, bl-imgħax kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament;*
3. *Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti għal perijodu bejn il-ġurnata tal-imblukkar tal-aċċess għas-sit sal-lum, bl-imgħax kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Eurocasinobet Limited** (C 42708) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), ippreżentata fit-28 ta' April, 2015, u maħlufa minn Ivan Grixti (K.I. 93967M), kif debitament awtorizzat, li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. *Illi in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli in kwantu illi ma jikkombaċjawx mad-dikjarazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija fil-premessi tar-rikors promutur b'dan illi r-rikors ġuramentat huwa nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa a tenur tal-Artikolu 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Illi wkoll in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli in kwantu illi l-ebda talba għad-danni ma tista' tiġi akkolta jekk ma tiġix preċeduta minn talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità tas-soċjetà intimata skont il-liġi;*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tas-soċjetà esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalità tagħhom stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjatament minħabba s-segwenti raġunijiet:-*
   i. *Is-soċjetà esponenti tiċħad bis-saħħa kollha illi b'xi aġir da parti tagħha fil-konfront tar-rikorrent hija kkawżat xi dannu lir-rikorrent. Ad oltranza, hija proprju s-soċjetà esponenti illi sofriet danni inġenti per konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali tar-rikorrenti, hekk kif ser jiġi spjegat fil-kontro-*

*talba intavolata kontestwalment ma' din ir-risposta u hekk kif għandu jirriżulta fil-mori tal-kawża odjerna;*

ii. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif ser jirriżulta mill-provi fil-mori tal-kawża odjerna, l-ebda ammont mhu dovut lir-rikorrent mis-soċjetà esponenti;*

iii. *Illi b'riferenza għat-tieni u t-tielet premessa tar-rikors ġuramentat, jiġi preċiżat illi r-relazzjoni kummerċjali tramite l-partijiet bdiet fl-elfejn u disgħa (2009), b'dan illi r-rikorrent kien jintroduċi ġukuturi lis-sit tas-soċjetà esponenti u ta' dan huwa kien jieħu kummissjonijiet mill-qligħ nett li tagħmel is-soċjetà esponenti fuq dawn il-ġukuturi li hu jkun introduċa. Din ir-relazzjoni kienet ġiet formalizzata fl-elfejn u ħdax (2011) meta r-rikorrent daħal formalment fl-iskema tal-'affiliate program', li kienet għadha kif ġiet varata mis-soċjetà esponenti, bis-saħħa tal-'Webmaster Agreement' mhux datat li r-rikorrent jannetti mar-rikors ġuramentat;*

iv. *Illi b'riferenza għar-raba' u ħames premessi tar-rikors ġuramentat, ma hux minnu illi s-soċjetà esponenti imblukkat l-aċċess u waqfet tagħmel il-pagamenti mensili lir-rikorrent mingħajr raġuni valida u b'mod illeċitu.*

*Kwalsiasi azzjoni meħuda mis-soċjetà esponenti ttieħdet biss sabiex tissalvagwardja ruħha wara illi skopriet li b'raġġiri u manuvri da parti tar-rikorrent li, kif ser jirriżulta tul il-mori tal-kawża odjerna, kienu ilhom għaddejjin saħansitra qabel is-sena elfejn u għaxra (2010), l-istess rikorrent kien qiegħed jirċievi kummissjonijiet illi ma kinux dovuti u in oltre kien qiegħed jikkawża danni nġenti lis-soċjetà esponenti;*

v. *Illi per konsegwenza tal-aġir abbużiv, illegali u saħansitra frawdolenti da parti tar-rikorrent fil-konfront tas-soċjetà esponenti, kwalsiasi relazzjoni kummerċjali li seta' kien hemm bejn il-partijiet ġiet riżolta ipso jure;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet elenkati fis-suespost, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, tirrespinġi t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permess mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur illi minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta **Eurocasinobet Limited** (C 42708), ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, li ġiet maħlufa minn Ivan Grixti (K.I. 93967M), u li tgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà esponenti hija soċjetà reġistrata f'Malta u topera fis-settur tal-Logħob tal-Azzard f'distanza (remote gaming) permezz ta' Liċenzja maħruġa mill-'Malta Gaming Authority' ('MGA') bin-numru LGA/CLI/424/2007;*
2. *Illi s-soċjetà esponenti għandha skema magħrufa bħala 'affiliate program', liema skema wieħed jista' jaċċessa l-informazzjoni dwarha liberament minn fuq is-sit elettroniku www.Euroaffiliatepro.com. Permezz ta' din l-iskema, kummerċjanti li jinnegozjaw f'dan il-qasam huma mistiedna sabiex jinduċu ġukaturi lis-soċjetà esponenti u ta' dan jirċievu lura kummissjonijiet fuq il-qliegħ nett li s-soċjetà esponenti tagħmel minn fuq il-ġukaturi li dawn il-kummerċjanti jkunu ntroduċew;*
3. *Illi sabiex kummerċjant jidħol fl-iskema msemmija fil-premessa preċedenti, il-kummerċjant għandu jimla template ta' 'Webmaster Agreement' li jinsab fuq l-istess sit, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'ECB1', u jibagħtu lis-soċjetà esponenti li jkollha d-diskrezzjoni esklussiva li taċċetta jew tirrifjuta li ddaħħal lil tali kummerċjant fl-iskema;*
4. *Illi r-rikonvenzjonant Tomas Hvizdak kien wieħed mill-kummerċjanti li kien jintroduċi ġukaturi lis-sit tas-soċjetà esponenti u kien ilu jagħmel dan sa mill-elfejn u disgħa (2009). Fis-sena elfejn u ħdax (2011) meta s-soċjetà esponenti varat l-iskema tal-affiliate program, ir-rikonvenzjonant daħal ukoll formalment f'din l-iskema;*
5. *Illi r-rikovenzjonant qua affiliate, kien marbut b'numru ta' obbligi versu s-soċjetà esponenti u inoltre ta lis-soċjetà esponenti diversi garanziji, hekk kif speċifikat fil-'Webmaster Agreement' taħt is-sottotitolu 'Responsibilities and Obligations of the Affiliate' u li senjatament huma s-segwenti:-*

   *"1. The Affiliate hereby warrants and undertakes:*

   1. *To use its best efforts to actively and effectively advertise, market and promote EuroCasinoBet.com, EuroVikingCasino.com and AfroditeCasino.com as widely as possible in order to maximize the benefit to the Parties and that it will abide with the guidelines of the Company as may be forwarded from time to time and/or accessible online.*

2. *To market and refer potential players to EuroCasinoBet.com, EuroVikingCasino.com, and AfroditeCasino.com at its own cost and expense. The Affiliate will be solely responsible for the distribution, content and manners of its marketing activities. All of the Affiliate's marketing activities must be professional, proper and lawful under applicable laws and negotiations and in accordance with this Agreement.*

3. *To use only a link provided with the scope of the partner programme, otherwise no warranty whatsoever can be assumed for proper registration and sales accounting. Also, not to change or modify in any way any link or marketing material without prior written authorisation from the Company.*

4. *To be responsible for the development, the operation, and the maintenance of its web site as well as for all material appearing on the web site.*

5. *To abide by the rules and principles contained in the European Gaming and Betting Association (EGBA) Code of Conduct. The EGBA Code of Conduct may be viewed at: http://www.eu-ba.org/en/about/conduct*

2. *The Affiliate hereby warrants:*

   - *That it will not perform any act which is libellous, discriminatory, obscene, unlawful or otherwise unsuitable or which contains sexually explicit, pornographic, obscene, or graphically violent materials.*

   - *That it will not actively target any person who is under the legal age for gambling.*

   - *That it will not actively target any jurisdiction where gambling and the promotion thereof is illegal.*

   - *That it will not generate traffic to EuroCasinoBet.com, EuroVikingCasino.com and AfroditeCasino.com by illegal or fraudulent activity, particularly but not limited to by:*

     - *Sending spam.*
     - *Incorrect metatags.*
     - *Registering as a player or make deposits directly or indirectly to any player account through his tracker(s) for its own personal use and/or the use of its relatives, friends, employees or other third parties, or in any other way attempt to artificially increase the commission payable or to otherwise defraud the Company. Violation of this provision shall be deemed to be fraud.*

- *That it will not present the Website in such a way that it might evoke any risk of confusion with EuroCasinoBet.com, EuroViking.com and AfroditeCasino.com and/or the company or convey the impression that the web site of the contracting party partly or fully originated with EuroCasinoBet.com, EuroVikingCasino.com and AfroditeCasino.com and/or the Company.*

6. *Illi r-rikonvenzjonat qua affiliate kien espost għal informazzjoni interna u kunfidenzjali tas-soċjetà esponenti – informazzjoni li ma kinitx aċċessibbli għal ġukaturi jew għal kompetituri tas-soċjetà. Għalhekk, oltre l-obbligazzjonijiet kuntrattwali illi kien marbut bihom ir-rikonvenzjonat, huwa kellu wkoll obbligazzjonijiet fiduċjarji x'josserva fil-konfront tas-soċjetà esponenti;*

7. *Illi lejn l-aħħar tas-sena elfejn u ħdax (2011), bidu tas-sena elfejn u tnax (2012), is-soċjetà esponenti bdiet tiskopri manuvri illeċiti da parti tar-rikonvenzjonat Hvizdak, permezz ta' liema l-istess rikonvenzjonat kien qiegħed jirċievi mingħand is-soċjetà esponenti kummissjonijiet akbar minn dak li kien miftiehem. B'investigazzjoni interna li swiet lis-soċjetà esponenti spiża nġenti, is-soċjetà esponenti skopriet u saħansitra għadha qed tiskopri sal-ġurnata tal-lum, struttura sħiħa maħluqa mir-rikonvenzjonat jew minn nies imqabbda minnu sabiex, bi ksur tal-obbligi tiegħu kuntrattwali u fiduċjarji versu s-soċjetà esponenti u b'aġir frawdolenti fil-konfront tas-soċjetà esponenti, jirċievi kummissjonijiet oltre minn dawk dovuti, u dan hekk kif ser jirriżulta mill-provi fil-mori tal-kawża odjerna. Per konsegwenza ta' dan l-aġir abbużiv u illegali da parti tar-rikorrent fil-konfront tas-soċjetà esponenti, kwalsiasi relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet ġiet riżolta ipso jure;*

8. *Illi in oltre, is-soċjetà esponenti skopriet ukoll illi r-rikonvenzjonat, għal raġuni li jaf hu biss, kien qiegħed jagħmel 'bad name' lis-soċjetà esponenti b'dan illi jiddanneġġja serjament ir-reputazzjoni u l-good will illi l-istess soċjetà esponenti kienet akkwistat tul is-snin, hekk kif ser jiġi ppruvat tul il-mori tal-kawża odjerna;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet elenkati fis-suespost, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni tilqa' s-segwenti talbiet fl-interità tagħhom:-*

i. *Tiddikjara lir-rikonvenzjonat Thomas Hvizdak bl-aġir tiegħu kiser l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu versu s-soċjetà esponenti u li konsegwentement il-kuntratt bejn il-partijiet ġie tterminat ipso jure;*

ii. *Tiddikjara illi r-rikonvenzjonat Thomas Hvizdak bl-aġir tiegħu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' obbligazzjonijiet fiduċjarji versu s-soċjetà esponenti naxxenti mir-relazzjoni tiegħu mal-istess soċjetà b'dan illi kkaġuna danni lis-soċjetà esponenti;*

iii. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mis-soċjetà esponenti;*

iv. *Tikkundanna lir-rikonvenzjonat iħallas id-danni hekk likwidati u jrodd lura lis-soċjetà esponenti kull benefikat ieħor miksub, sew direttament, sew indirettament, mill-istess rikonvenzjonat bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u fiduċjarji tiegħu.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra r-rikonvenzjonat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat **Thomas Hvizdak**, kif lokalment rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu, għall-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta, ippreżentata fit-18 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Dr Christopher Dalli (ID 141289M), li tgħid kif ġej:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli għaliex ma jikkombaċjawx mad-dikjarazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija fil-premessi tal-kontrotalba b'dan illi l-kontrotalba ġuramentata hija nieqsa mir-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 156(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-kuntratt imsemmi fil-kontrotalba bħala l-'Webmaster Agreement' ma ġiex terminat skont is-sezzjoni intitolata 'Termination' u ma kien hemm l-ebda terminazzjoni ipso jure, 'il għaliex l-esponent ma naqasx milli josserva l-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-'Webmaster Agreement', anzi, kienu huma li ma rrispettawx il-kuntratt ta' bejniethom, kif oriġinarjament esebit fir-rikors promutur numru 163/15, speċifikament il-klawsola numru tlieta (3) tas-sezzjoni intitolata 'Payment';*

3. *Illi l-esponent jiċħad l-allegazzjoni illi kien għamel xi manuvri illeċiti biex jirċievi kummissjonijiet illi ma kinux dovuti mingħand EuroCasinobet Limited, u fil-fatt lanqas kellu l-mezzi biex jagħmel dawn il-manuvri għaliex ma kellux l-aċċess jew*

*l-informazzjoni rekwiżit, u għalhekk dawn l-allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi f'kumment numru ħamsa (5) tal-kontrotalba, EuroCasinobet ikkwotaw in toto is-sezzjoni tal-'Webmaster Agreement' intitolata 'Responsibilities and Obligations of the Affiliate' b'mod mhux meħtieġ; 'il għaliex ma semmewx il-mod kif l-esponent allegatament kiser l-obbligi tiegħu taħt din is-sezzjoni, u għalhekk dan il-kumment ma kienx meħtieġ sabiex jiġu mfissra l-fatti sostanzjali fil-kontrotalba ġuramentata, ai termini tal-Artikolu 159 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
5. *Illi l-esponent qatt ma ddanneġġja bl-ebda mod ir-reputazzjoni ta' Eurocasinobet Limited u li dawn l-allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad il-kontro-talba fl-interità tagħha tas-soċjetà Eurocasinobet Limited.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Novembru 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' April, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Għal xi żmien l-attur kien *affiliate partner* mas-soċjetà konvenuta, li hija kumpannija li topera fil-qasam tal-logħob tal-azzard *online*, li għamlet żmien topera minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Maltin. L-attur beda jikkollabora mas-soċjetà konvenuta fl-2009, għalkemm ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet ġiet ifformalizzata meta l-attur iffirma *Webmaster Agreement* mas-soċjetà konvenuta fl-2011, u f'dan il-ftehim ġew stabbiliti l-obbligi u r-responsabbilitajiet reċiproċi tal-partijiet, flimkien mal-kundizzjonijiet l-oħra kollha li kellhom jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Ir-rwol ewlieni tal-attur fin-negozju tas-soċjetà konvenuta kien li permezz ta' siti web operati minnu jattira klijenti ġodda lejn is-soċjetà konvenuta billi jiddevja t-traffiku ta' klijenti potenzjali lejn is-siti tagħha, u wara li dawn il-klijenti jirreġistraw fuq is-siti web tas-soċjetà konvenuta, ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-logħob ipprovdut minnha bi ħlas. Skont il-ftehim li l-attur kellu mas-soċjetà konvenuta huwa kellu jieħu ħlas ta' tletin fil-mija (30%) mill-qligħ nett li s-soċjetà konvenuta tagħmel meta ġukatur li jkun irreġistra magħha permezz ta' *links* disponibbli minn fuq siti web tal-attur, jitlef fil-logħob li jkun ipparteċipa fih. L-attur jgħid li għal żmien twil, huwa seta' jiddetermina x'kienet l-attività tal-ġukaturi introdotti minnu u seta' anki jiddetermina kemm kienu l-kummissjonijiet dovuti lilu mis-soċjetà konvenuta, minħabba li huwa kellu aċċess għas-sistema li permezz tagħha tiġi segwita l-attività tal-ġukaturi introdotti minnu. Iżda waħda mil-lanjanzi ewlenin tal-attur hija li f'Mejju tal-2012, mingħajr ma ngħata ebda raġuni valida jew xi forma ta' preavviż mis-soċjetà konvenuta, ingħalaqlu l-aċċess li kellu għal dawn is-siti. L-attur ilmenta wkoll minħabba l-fatt li l-aħħar ħlas ta'

kummissjoni dovuta lilu, sar f'Diċembru tal-2011, u qal li għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tal-2012, iż-żmien meta ġie mblukkat l-aċċess tiegħu għal dawn is-siti, huwa kellu jirċievi ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€27,778.08). L-attur jgħid li wara li tteħidlu l-aċċess għas-siti li minnhom seta' jivverifika jekk hemmx ammont ta' kummissjonijiet dovuti lilu, huwa ma setax jibqa' jagħmel verifiki dwar kemm kien l-ammont ta' kummissjonijiet dovuti lilu, u żied jgħid li hu qatt ma ġie nnotifikat mis-soċjetà konvenuta li l-kuntratt li l-partijiet kellhom bejniethom kien ġie tterminat. Għalhekk l-attur sostna li l-kummissjonijiet fuq l-attività ta' ġukaturi li kienu ġew introdotti minnu, baqgħu jakkumulaw, għalkemm huwa mhux f'pożizzjoni li jgħid dawn il-kummissjonijiet kemm huma fil-preżent. L-attur jgħid li dan l-aġir da parti tas-soċjetà konvenuta kkawżalu danni konsistenti fit-telf tal-kummissjonijiet dovuta lilu. L-attur talab lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni kkawżati lilu minħabba fl-aġir illeċitu tas-soċjetà konvenuta; tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont ċert ta' sebgħa u għoxrin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€27,778.08) rappreżentanti kummissjonijiet dovuti lill-attur għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tas-sena 2012; tillikwida l-ammont ta' kummissjonijiet talvolta dovuti lill-attur għall-perijodu li beda mill-ġurnata meta l-aċċess tiegħu ġie mblukkat sal-lum, biż-żieda tal-imgħaxijiet kummerċjali dovuti fuq dan l-ammont.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li hija ma kkawżat ebda danni lill-attur, u kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, kienet hi li sofriet danni konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali tiegħu. Filwaqt li rrikonoxxiet li r-

relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet bdiet fl-2009, is-soċjetà konvenuta ikkonfermat ukoll li r-relazzjoni bejn il-partijiet ġiet ifformalizzata fl-2011, meta l-attur iddaħħal fl-iskema tal-*affiliate programme* li ġiet introdotta minnha. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li mhux minnu li hija mblukkat l-aċċess u waqqfet il-ħlasijiet li kienet tagħmel ta' kull xahar lill-attur b'mod abbużiv u illegali, u sostniet li min-naħa tagħha kellha raġunijiet validi biex tagħmel dan wara li kienet issuspettat li l-attur kien permezz ta' raġġiri ħa kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu, b'dannu għaliha. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li dan l-aġir abbużiv kien jammonta għal ksur tal-obbligi fiduċjarji li l-attur kellu fil-konfront tagħha, u dan wassal biex il-ftehim kummerċjali li l-partijiet kellhom bejniethom ġie riżolt *ipso jure,* mingħajr ma qatt kien hemm il-ħtieġa li hija tinnotifika jew tagħti xi forma ta' preavviż lill-attur dwar dan.

Kontestwalment mar-risposta maħlufa tagħha, is-soċjetà konvenuta ressqet ukoll kontrotalba, fejn wara li spjegat in-natura tan-negozju tagħha u qalet li hi tħaddem *affiliate programme* li permezz tiegħu kummerċjanti li jinnegozjaw f'dan il-qasam jiddevjaw it-traffiku lejn is-siti operati minnha, spjegat ukoll li hija tħallas kummissjonijiet lil dawn l-*affiliates* fuq il-qligħ nett iġġenerat minnha. Is-soċjetà konvenuta qalet li l-attur kien ilu jikkollabora magħha mill-2009, u fl-2011 ir-relazzjoni bejniethom ġiet ifformalizzata billi l-attur daħal fl-*affiliate programme* li ġie introdott mis-soċjetà konvenuta. Spjegat li f'dan ir-rwol l-attur kellu diversi obbligi u kien marbut b'diversi garanziji, u qalet ukoll li dan kellu għadd ta' obbligi fiduċjarji minħabba li kien espost għal informazzjoni interna tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qalet li kien fil-bidu tas-sena 2012 li hija kienet skopriet li l-attur kien għamel manuvri illeċiti li permezz tagħhom beda jirċievi

kummissjonijiet akbar minn dawk miftiehma bejn il-partijiet, bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u fiduċjarji li kien marbut bihom. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti allegat ukoll li l-attur kien ippermetta l-użu ta' kliem dispreġattiv dwar is-soċjetà konvenuta fuq is-sit web tiegħu, liema kliem wassal għal dannu għar-reputazzjoni u l-*goodwill* tas-soċjetà konvenuta. In vista ta' dawn il-premessi, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti talbet lill-Qorti tiddikjara li: l-attur kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu fil-konfront tagħha, u konsegwentement li l-kuntratt bejn il-partijiet ġie tterminat *ipso jure*; li l-attur rikonvenzjonat bl-aġir tiegħu naqas milli josserva l-obbligi fiduċjarji imposti fuqu bis-saħħa tal-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili, b'dan li kkaġuna danni lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti; u talbet ukoll lill-Qorti tillikwida d-danni hekk sofferti minnha, bil-kundanna tal-attur għall-ħlas tal-istess.

L-attur rikonvenzjonat wieġeb għall-kontrotalbiet tas-soċjetà konvenuta billi eċċepixxa li l-*Webmaster Agreement* ma ġiex itterminat skont kif stipulat fl-istess kuntratt, u għalhekk is-soċjetà konvenuta ma tistax targumenta li l-ftehim bejn il-partijiet ġie tterminat *ipso jure*. L-attur rikonvenzjonat wieġeb ukoll li ma saru ebda manuvri illeċiti min-naħa tiegħu sabiex jirċievi kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu, u hu la kellu l-aċċess u lanqas l-informazzjoni meħtieġa biex seta' jagħmel dan. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti naqset milli tispeċifika b'liema mod huwa kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu. Wara li intavola din ir-risposta maħlufa tiegħu, l-attur ippreżenta risposta maħlufa ulterjuri, li ġiet ppreżentata fis-6 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lill-Qorti tiċħad it-talba tas-soċjetà konvenuta li huwa naqas milli josserva l-obbligi fiduċjarji tiegħu *ai termini* tal-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili, peress li din it-talba hija attwalment preskritta.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja tal-*Webmaster Agreement,* bit-termini u kundizzjonijiet li kellhom jirregolaw ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.[1] Il-klawsola numru tlieta (3) taħt is-sezzjoni intestata '*Payment'* li jagħmel riferiment għaliha l-attur, tgħid illi:

> *"The commission is calculated at the end of each month and payments shall be performed by the 10th – 15th of each calendar month, provided that the amount due exceeds minimum threshold €100. If the balance due is less than the Minimum Threshold, it shall be carried over to the following month and shall be payable when it collectively exceeds the Minimum Threshold. The Commission will be paid in whole amount, automatically, to you if your required documents will be sent to us. ..."*

Dan il-ftehim seta' jiġi tterminat minn kull waħda mill-partijiet, sakemm jingħata preavviż bil-miktub ta' tletin (30) jum, liema preavviż seta' jingħata wkoll permezz tal-*email.*[2] L-attur ippreżenta wkoll *screenshot* tal-bilanċi dovuti lilu għall-perijodu bejn Settembru tal-2011 u April tal-2012.[3]

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur spjega[4] li hu kien ġie introdott mas-soċjetà konvenuta minn ħabib tiegħu, ċertu Pavol Kosovic, li kien jaħdem bħala *developer* tas-sit ta' Eurocasinobet fiż-żmien meta din kienet għadha qiegħda tapplika għal-liċenzja tagħha mal-Lotteries and Gaming Authority hawn Malta. Qal li wara li s-soċjetà konvenuta kisbet il-liċenzja neċessarja u bdiet topera, Pavol kien issuġġerielu jiżviluppa xi siti web u jibda jikkummerċjalizzahom. L-attur kien żviluppa sit web, irreġistrah permezz tal-*affiliate programme* tas-

---

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] Il-klawsola rilevanti tgħid illi *"[t]his Agreement may be terminated by either party by giving a thirty (30) days written notification to the other party. Written notification may be given by an email."*
[3] *A fol.* 8 tal-proċess.
[4] *A fol.* 17 tal-proċess.

soċjetà konvenuta, aċċetta l-*webmaster agreement,* u b'dan il-mod beda r-relazzjoni kummerċjali tiegħu mas-soċjetà konvenuta. L-attur qal li l-kooperazzjoni bejn il-partijiet bdiet bil-mod, u fl-ewwel sena huwa kien irnexxielu jattira biss ftit reġistrazzjonijiet ta' ġukaturi ġodda. Qal iżda li f'xahar partikolari huwa kien irnexxielu jgħaqqad is-somma ta' elf Euro, u minn hemmhekk nibet il-potenzjal li jiżviluppa relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta. Spjega kif dak iż-żmien l-*affiliate support* ittieħed mis-Slovakkja lejn Ċipru, u kien għalhekk li fix-xogħol tiegħu hu beda jikkomunika direttament ma' nies f'Ċipru. Qal li f'dak iż-żmien il-komunikazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda tajba u mibnija fuq rispett reċiproku. Madanakollu, f'Jannar tal-2012 huwa kien irċieva telefonata mingħand Panikos Photi, direttur ta' Eurocasinobet, li infurmah li kien hemm kontenut fuq is-sit web tal-attur li s-soċjetà konvenuta ma kinitx kuntenta bih, u li allegatament kien jikser il-ftehim viġenti bejn il-partijiet. L-attur qal li l-kontenut li deher fis-sit web tiegħu li kienu qegħdin joġġezzjonaw dwaru esponenti tas-soċjetà konvenuta, kien inkiteb minn *content writers* ingaġġjati minnu sabiex jiktbu reċensjoni onesta dwar kull *casino* li huwa kien imsieħeb miegħu, u dawn ir-reċensjonijiet kienu pożittivi ħlief għal linja waħda fl-aħħar, li qajmet dubji dwar il-kwalitajiet tal-*management* tas-soċjetà konvenuta. L-attur qal li xi ħaġa oħra li nġibdet l-attenzjoni tiegħu dwarha kien il-fatt li hu kien daħħal isem il-*casino* operat mis-soċjetà konvenuta bħala parti mill-URL fis-sit web tiegħu, li hija xi ħaġa li huwa jagħmel għal kull *casino* li jippromwovi, u Panikos Photi allega li din kienet manuvra da parti tal-attur biex jinsteraq it-traffiku li altrimenti kien ser jiġi dirett lejn is-sit web tas-soċjetà konvenuta. L-attur qal li hu ma kellux l-għodda neċessarja biex jiddirezzjona t-traffiku lejn is-sit web tiegħu, u din l-allegazzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta hija waħda fiergħa

għalkollox. L-attur qal li l-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu qegħdin jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jevitaw li jħallsuh il-kummissjonijiet dovuta lilu. Kompla jgħid li hekk kif intalab ineħħi l-isem tal-*casino* mill-URL użat minnu, u jibdel il-kontenut tar-reċensjoni li dehret fuq is-sit web tiegħu, huwa għamel dan b'mod immedjat, sabiex jikkonforma max-xewqat tal-esponenti tas-soċjetà konvenuta. Qal li wara din it-telefonata li seħħet f'Jannar tal-2012, huwa qatt ma rċieva l-ebda forma ta' ħlas ieħor mingħand is-soċjetà konvenuta, u dan minkejja li mill-*affiliate screen* kien jirriżulta li kien għad hemm ħlas ta' kummissjonijiet dovuti lilu. L-attur qal li l-kummissjoni dovuta lilu għax-xahar ta' Diċembru 2011 kienet tammonta għal sitt elef Euro (€6,000), u wara li kien hemm din il-komunikazzjoni miegħu, l-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu waqfu jwieġbu l-*emails* tiegħu billi kienu jibagħtu jgħidulu li kienu ser iweġbuh mill-aktar fis possibbli mingħajr ma effettivament jagħmlu dan. Qal ukoll li t-telefonati tiegħu qatt ma kienu jiġu mwieġba, u fl-okkażjonijiet rari meta t-telefonati tiegħu kienu jiġu mwieġba, hu kien jiġi infurmat li ħadd ma seta' jkellmu minħabba pressjoni ta' xogħol. L-attur spjega li kien f'dan l-istadju li hu għamel kuntatt ma' aġenzija li tiġbor il-pagamenti, ċerta EOS KSI Slovensko, sabiex tipprova tirkupra l-kummissjonijiet dovuta lilu. Qal li dawn kienu bagħtu xi korrispondenza fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta, li min-naħa tagħha wieġbet li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet. Żied jgħid li kien f'dan iż-żmien ukoll li s-soċjetà konvenuta mblukkat l-aċċess tiegħu għas-sezzjoni tal-*affiliates* tas-sit web tagħha, u għalhekk huwa ma setax jara aktar x'kummissjonijiet kienu dovuta lilu. Qal li wara xi żmien kien irriżultalu li ċertu Robert Vyletel, li ukoll kellu relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta, ukoll kellu xi kwistjonijiet magħha, u kien ressaq kawża quddiem il-Qrati Maltin, minħabba li s-soċjetà konvenuta hija soċjetà

rreġistrata f'Malta. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li hekk kif sar jaf li huwa seta' jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qrati Maltin, huwa kien għamel dan minnufih. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, l-attur ippreżenta wkoll kopja tal-*Webmaster Agreement* iffirmat bejn il-partijiet.[5]

Il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2015 tat sentenza *in parte*[6] fejn wara li ġew ikkonsidrati l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta u l-eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanta, il-Qorti ddeċidiet li kemm iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mis-soċjetà konvenuta fir-risposta maħlufa tagħha għar-rikors ġuramentat imressaq mill-attur, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanta għandhom jiġu miċħuda.

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Novembru, 2015,[7] in segwitu għal rikors imressaq mill-attur fejn talab li l-Qorti tiċħad it-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta li l-attur bl-aġir tiegħu naqas milli josserva l-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu *ai termini* tal-artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta peress li din it-talba hija preskritta, il-Qorti ddeċidiet li deċiżjoni dwar din it-talba kellha tingħata fid-deċiżjoni finali tagħha.

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2015 xehed **Panikos Photi**[8], *managing director* tas-soċjetà konvenuta, li qal li s-soċjetà konvenuta hija kumpannija reġistrata f'Malta li ġiet illiċenzjata mill-MGA għal skopijiet ta' logħob tal-azzard *online.* Ix-xhud qal li l-kumpannija ġiet irreġistrata f'Novembru tal-2007 u ftit xhur wara din kisbet il-liċenzja mill-MGA, sabiex bdiet toffri servizzi ta' logħob

[5] *A fol.* 19 tal-proċess.
[6] *A fol.* 59 tal-proċess.
[7] *A fol.* 68 tal-proċess.
[8] *A fol.* 79 tal-proċess.

*online* fosthom *online gaming casino, casino games* u servizzi anċillari għalihom. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kienet tħaddem diversi siti web sabiex setgħet toffri dawn is-servizzi kollha. Qal li l-ftehim kummerċjali li s-soċjetà konvenuta għandha mal-promuturi tagħha, jelenka t-termini u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu aċċettati miż-żewġ partijiet, u s-soċjetà konvenuta tħallas il-kummissjonijiet lill-*affiliates* tagħha abbażi ta' dan il-ftehim. Ix-xhud qal li meta hu beda jaħdem bħala *general manager* ta' Eurocasinobet, huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-operat tal-*casino*, u għalhekk ma kellux konoxxenza tal-attur. Iżda wara xi żmien dan kien beda jikkollabora mas-soċjetà konvenuta b'mod aktar mill-qrib, u għalhekk hu kien ġie introdott mal-attur f'laqgħa li saret fis-Slovakkja. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta hija obbligata tonora diversi kundizzjonijiet imposti fuqha mill-MGA, u għal dan il-għan isiru diversi verifiki fuq il-paġni web tal-*affiliates* anki sabiex is-soċjetà konvenuta tkun tista' tipproteġi lilha nnifisha u tassigura li ħadd mill-*affiliates* ma jikser il-kundizzjonijiet imposti mill-MGA. Ix-xhud qal li l-*affiliates* ma jistgħux jippromwovu s-servizzi ta' *online casino gaming* fuq siti web tat-tfal jew fuq siti pornografiċi. Żied jgħid li fil-każ tal-attur kien ġie stabbilit li kien hemm diversi vjolazzjonijiet tal-ftehim bejn il-partijiet, u l-attur kien ġie infurmat b'dan. Ix-xhud qal li minn verifiki li saru minn impjegati tas-soċjetà konvenuta, kien ġie stabbilit li l-attur kien għamel użu minn *domains* li huma proprjetà tas-soċjetà konveuta, kif ukoll li l-attur kien ippermetta diskors fuq is-sit web tiegħu li jindika li s-soċjetà konvenuta kellha xi nuqqasijiet, meta l-partijiet kienu qegħdin jikkollaboraw bil-ħsieb li l-attur jippromwovi s-servizzi tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud esebixxa *screenshots* bi traduzzjoni fil-lingwa Ingliża in sostenn ta' dak li xehed dwaru.[9] Ix-xhud qal li l-ftehim kummerċjali li

---

[9] *A fol.* 93 u 94 tal-proċess.

l-partijiet kellhom bejniethom kien ġie tterminat, u l-attur kien ġie mwissi dwar dan. Qal li l-ftehim bejn il-partijiet jistipula li s-soċjetà konvenuta għandha dritt li tittermina l-ftehim f'każ li ssib vjolazzjoni ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fih, mingħajr ebda preavviż ieħor. Ix-xhud ikkonferma li ma kinitx intbagħtet xi *email* lill-attur li tgħid li l-ftehim kummerċjali bejn il-partijiet kien qiegħed jiġi tterminat.

Ix-xhud spjega x'inhu x-xogħol li *affiliate* mistenni jagħmel:

> *"An affiliate has the obligation after he has registered an account within Euroaffiliatepro and Eurocasinobet to visit our Euroaffiliate page and select refer links or banners, out in his page where they are including his code."*

Qal li x-xogħol tal-promuturi huwa li jressqu ġukaturi lejn il-*casino* operat mis-soċjetà konvenuta. Qal li l-attur għamel użu minn isem ta' *domain* li mhux tiegħu imma huwa proprjetà tas-soċjetà konvenuta li ħallset mitt elf Euro (€100,000) sabiex setgħet takkwistah. Żied jgħid li l-klijenti tas-soċjetà konvenuta m'għandhomx għalfejn jagħfsu l-*link* għad-*domain name* li jidher fuq il-*web page,* iżda dawn jistgħu jżuru s-sit web tas-soċjetà konvenuta wara li jagħfsu fuq test jew *banner* li jiddirezzjonahom lejn URL tas-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li sa fejn jaf hu, l-attur kien l-uniku *affiliate* tas-soċjetà konvenuta li kien qiegħed iħaddem din il-prassi sabiex jirreferi klijenti potenzjali lejn is-sit web tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li hu jemmen li l-attur tħallas dak kollu li kien dovut lilu, u min-naħa tas-soċjetà konvenuta qatt ma nħasset il-ħtieġa li jinfurmawh li ma kienu ser iħallsuh l-ebda kummissjoni oħra. B'riferiment għall-kontenut li deher fuq il-paġna tal-attur bi kritika għall-operat tas-soċjetà konvenuta, ix-xhud qal li ladarba l-attur huwa s-sid tas-sit, kull ħaġa li tidher fuq is-sit għandu jassumi r-responsabbilità

għaliha hu, anki jekk jirriżulta li din ma tkunx inkitbet minnu direttament. Fost id-dokumenti esebiti mix-xhud, hemm kopja ta' *email* mibgħuta lill-attur fid-19 ta' Jannar 2012, fejn ġew indikati xi nuqqasijiet li dehru fuq is-sit web tal-attur, bi ksur tal-*Webmaster Agreement* maqbul bejn il-partijiet.[10]

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2016 xehed ukoll **Ioannis Chrysakis**[11], li qal li hu *SCO Consultant* u *google expert* għal EuroCasino, li pprepara dijagrammi sabiex juri t-traffiku kif jimxi mill-*commission agent* lejn is-sit web ta' Eurocasinobet. Ix-xhud spjega b'liema mod is-soċjetà konvenuta tistabbilixxi liema traffiku qiegħed jiġi ġġenerat lejn is-sit web tagħha bis-saħħa tax-xogħol tal-*commission agent* inkwistjoni.[12] Ix-xhud spjega li s-sistema inħolqot sabiex tintraċċja kull *click* lura lejn il-*commission agent* permezz tal-ħolqien ta' sistema li tidentifika lil kull utent. Qal li xi żmien wara li hu beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta, kien stabbilixxa li kien hemm wieħed mill-utenti li kien qiegħed jagħmel *clicks* minn Eurocasinobet lejn Eurocasinobet, minn paġna tal-web lura lejn l-istess paġna. Qal li huwa kien ddiskuta dan mas-Sur Panikos minħabba li ma kienx jaf jekk din kinitx xi ħaġa permissibbli jew le, u wara li kien immonitorja s-sitwazzjoni għal għadd ta' xhur, huwa kien għadda l-*iscreenshots* tal-*google analytics* lis-Sur Panikos. Ix-xhud spjega li *google analytics* jaħdem billi:

> "*It's a part of Google that gives statistics for every visit on a website. This is a way for work masters to track the traffic and every click because we don't know who the user is, what is the way he moves inside the website page so you can re-design*

[10] *A fol.* 99 tal-proċess. L-attur ġie infurmat illi "*[w]e review your website for this month and we find many contents that violate our Webmaster agreement with you, also you have taken info and other ways from Eurocasinobet for your traffic without our permission and abuse it. Please remove anything and correct anything you have which is violating our Webmaster agreement.*"

[11] *A fol.* 105 tal-proċess.

[12] *A fol.* 110 *et seq.* tal-proċess.

*it and make it better for the user. Also it gives you timestamp of every click, but since it's anonymous you cannot know who came and who visited."*

Ix-xhud qal li wara li ġie stabbilit li kien hemm xi irregolarità fit-tħaddim tas-sistema, huwa kien ħejja lista tan-numri kollha bl-identifikazzjoni tal-utenti partikolari, u għaddieha lil Michalis Kallikas sabiex min-naħa tiegħu jinvestiga l-identifikazzjoni speċifika mal-kontijiet tal-aġenti affiljati mas-soċjetà konvenuta.[13]

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Michalis Kallikas**[14], li jaħdem bħala *IT Support and Software Developer* mas-soċjetà konvenuta, li esebixxa għadd ta' dokumenti sabiex juri x-xogħol tal-*commission agent* kif isir, u kif isiru l-*links* sabiex ikun jista' jiġi reklamat il-*casino* mis-sit web tal-aġent. Fi kliem ix-xhud:

*"... he enters in the filters to select which casinos he wants to advertise, what type of banner he is going to use and which type of page is going to be accessed registration. Once that is selected he gets a list of the banners on the next page."*

Ix-xhud qal li meta utent iżur il-paġna web u jagħfas fuq waħda mil-*links* ipprovduti, dan ikun jista' jidħol fis-sit tas-soċjetà konvenuta Eurocasinobet.com, u minn hemm ikun jista' jiġi rreġistrat mis-soċjetà konvenuta, liema utent ikun daħal fis-sistema tagħha bis-saħħa tal-assoċjazzjoni mal-kont tal-*affiliate*. Qal li meta ġie stabbilit li kien hemm għadd konsiderevoli ta' *clicks* li ġew iġġenerati minn Eurocasinobet.com, l-

[13] Fi kliem ix-xhud, *"... we have just one visit from source to landing page, where it finally went. In the landing page there is a click ID. The 32 numbers at the end of the URL is the click ID. I gave this number to Mr. Khalikas so he got through the database and match the specific ID with the ID of the account of the affiliated program."*

[14] *A fol.* 117 tal-proċess.

impjegati tas-soċjetà konvenuta mill-ewwel indunaw li kien hemm xi ħaġa ħażina.[15]

Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2016 xehed **Dr Ivan Grixti**[16], li qal li s-soċjetà Eurocasinobet ġiet mogħtija liċenzja maħruġa mill-MGA fit-3 ta' Ġunju, 2009 u dakinhar stess hu ġie maħtur bħala *key official* tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li f'dan ir-rwol huwa għandu l-poteri kollha ta' direttur, u bħala *key official* hu għandu jassistuh ditta ta' awdituri bl-isem ta' RSM, filwaqt li huwa dejjem jinżamm aġġornat b'dak kollu li jkun qiegħed jiġri fil-kumpannija permezz tal-*email.* Ix-xhud qal li lill-attur ma jafux personalment, għalkemm il-kwistjoni pendenti quddiem il-Qorti ġiet diskussa anki fil-livell tal-bord tad-diretturi tas-soċjetà konvenuta. Qal li huwa ġie infurmat li l-attur kien għamel użu minn *domain names* tas-soċjetà konvenuta mingħajr il-kunsens tagħha, kif ukoll għamel użu minn diskors dispreġjattiv fil-konfront tas-soċjetà konvenuta fuq siti web tiegħu, apparti li hemm evidenza li tindika li l-attur ħa flus mingħand il-kumpannija li ma kinux dovuta lilu u dan wara li ġew intraċċati xi *click* Ids li saru minnu. Ix-xhud spjega li l-attur ħoloq xi *usernames* li kienu jappartjenu lilu, u użahom a skapitu tas-soċjetà konvenuta billi irċieva flejjes li ma kinux dovuta lilu. Ix-xhud qal li kif ġie stabbilit dan kollu, ġie tterminat il-kuntratt mal-attur b'mod immedjat, u ma kienx hemm il-ħtieġa li jingħata l-ebda preavviż lill-attur minħabba li din l-imġiba kienet awtomatikament twassal għat-terminazzjoni tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet. Qal li s-soċjetà konvenuta għadha ma stabbilietx kemm hija ċ-ċifra totali tad-danni sofferti minnha, u sabiex tiġi stabbilita ċ-ċifra finali hemm bżonn li jinħatru persuni speċjalizzati fuq hekk. Ix-xhud żied jgħid li f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa

[15] Dokumenti esebiti mix-xhud *a fol. 122 et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 131 tal-proċess.

li jingħata l-ebda preavviż lill-attur minħabba li kien hemm nuqqas ta' sinċerità da parti tiegħu, jekk mhux addirittura każ ta' frodi, u għalhekk is-soċjetà konvenuta ddeċidiet li kellha tittermina l-kuntratt ħesrem mingħajr ebda preavviż.

Fl-istess udjenza xehed **Andrea Grungo**[17], li qal li hu jaħdem mal-kumpannija RSM u jassisti lil Dr Ivan Grixti fir-rwol tiegħu ta' *key official* tas-soċjetà konvenuta. Qal li f'dan ir-rwol iridu jsiru għadd ta' *review checks,* ikun hemm korrispondenza mal-MGA, tiġi offruta assistenza fuq ċerta korrispondenza mal-klijenti u mal-MGA, kif ukoll isiru diskussjonijiet fuq diversi livelli. Qal li huwa jieħu ħsieb ukoll is-siti web tas-soċjetà konvenuta, fosthom Eurocasinobet.com, Vixcasino.com, Euroviking.com u Afroditecasino.com, li huma lkoll *domain names* proprjetà tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud spjega li meta utent jidħol fuq waħda minn dawn is-siti, dan jittieħed fid-*database* li hija konnessa mas-*server.* Qal li min-naħa tiegħu huwa ma kellu l-ebda suspett fl-attur, li dan bħala *affiliate* seta' jirreġistra bħala ġukatur normali, imbagħad jagħmel ċertu affarijiet sabiex jattira ġukaturi oħrajn għas-sit web.

Fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2016 xehed **Panikos Photi**[18], li ppreżenta għadd ta' dokumenti sabiex juri l-ismijiet tad-*domains* li jappartjenu lis-soċjetà konvenuta.[19] Ix-xhud spjega li dawn l-ismijiet jintużaw mis-soċjetà konvenuta sabiex tikkontrolla t-traffiku lejn il-paġni web tagħha jew biex toħloq paġni web ġodda li jkunu ta' sostenn għall-paġna ewlenija ta' Eurocasinobet. Ix-xhud qal li dawn id-*domain names* huma reġistrati, iżda s-soċjetà konvenuta ma rreġistratx dawn l-ismijiet bħala *trademarks* tagħha. Fost id-dokumenti

[17] *A fol.* 135 tal-proċess.
[18] *A fol.* 141 tal-proċess.
[19] *A fol.* 152 *et seq.* tal-proċess.

ppreżentati mix-xhud, ġie ppreżentat ukoll *transaction report* b'dettalji dwar dak li tħallas l-attur taħt l-*Euroaffiliate program,* għalkemm ix-xhud qal li hemm *records* oħra tat-tranżazzjonijiet li saru minn kull klijent li ġie riferut lis-soċjetà konvenuta mill-attur.[20] Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta topera fil-pajjiżi kollha Ewropej ħlief f'dawk il-ġurisdizzjonijiet fejn attività simili għal dik tas-soċjetà konvenuta hija illegali. Ix-xhud wieġeb li s-soċjetà konvenuta topera fl-Ungerija kif ukoll fir-Repubblika Ċeka, u għad-domandi li sarulu mill-avukat difensur tal-attur, wieġeb li ma kienx jaf li huwa illegali li jsir operat simili għal dak tas-soċjetà konvenuta minn dawn il-pajjiżi. Huwa kompla jispjega li l-fatt li s-soċjetà konvenuta għandha traduzzjonijiet fil-lingwa Ungeriża u Ċeka fuq il-paġna tal-web tagħha, ma jfissirx li din qiegħda topera minn dawn il-pajjiżi, iżda li ċittadini Ċeki li jgħixu barra r-Repubblika Ċeka jistgħu jilagħbu u jagħmlu użu mis-servizzi offruti mis-soċjetà konvenuta sakemm ikunu barra minn pajjiżhom. Ix-xhud qal ukoll iżda li s-soċjetà konvenuta ma timblukkax IPs. Żied jgħid li kien hemm pajjiżi li ġew imblukkati, fosthom l-Olanda, id-Danimarka, u l-Latvja. Ix-xhud qal li bħala *managing director* tas-soċjetà konvenuta huwa jinżamm infurmat b'dak kollu li jkun qiegħed jiġri fil-kumpannija. Ix-xhud qal li huwa kien ġie infurmat li kien hemm xi ħadd li qiegħed jopera s-sistema b'mod frawdolenti. Qal li l-attur ma kellux aċċess għal informazzjoni sensittiva, iżda biss għall-*Euro affiliate program* sabiex seta' jara l-*account* tiegħu, u jagħmel il-kummerċjalizzazzjoni għal Eurocasinobet. Ix-xhud qal li meta ġie stabbilit li kien hemm il-possibilità ta' ksur tar-regoli tas-sigurtà jew tar-regoli tad-*data,* ma kien sar l-ebda rapport lill-Malta Gaming Authority, u lanqas ma sar rapport mat-taqsima tas-*cyber*

[20] Dokumenti *a fol.* 300 *et seq* tal-proċess.

*crime* tal-Pulizija.[21] Ix-xhud qal li huwa ma jafx kif l-attur kiseb aċċess għal *data* privata tal-klijenti tas-soċjetà konvenuta, u qal ukoll li ma jafx jekk l-attur kisibx aċċess bħal dan. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-*account* tal-attur ġie mblukkat qabel mas-soċjetà konvenuta kellha aċċess għas-*searches* tal-*google analytics.* Qal li minkejja li kien hemm korrispondenza ulterjuri bejn l-attur u l-*affiliate manager* tas-soċjetà konvenuta, huwa kien diġà ħa d-deċiżjoni li l-*account* tal-attur kellu jingħalaq, u dan minkejja li l-attur kien għamel dak li ntalab jagħmel sabiex jikkonforma mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li fil-fatt huwa kien awtorizza lill-*affiliate manager* jagħlaq l-*account* tal-attur. Żied jgħid li huwa tkellem mal-attur diversi drabi fuq it-*telephone*, iżda ma kienx infurmah li kien sejjer jimblokka l-*account* tiegħu, anki minħabba li kien jaf li l-attur kien qiegħed fuq btala fit-Tajlandja. Ix-xhud qal li bħala *managing director* tas-soċjetà konvenuta, huwa jiddeċiedi ma' min irid jikkollabora, u għalhekk għandu l-awtorizzazzjoni jagħlaq l-*accounts* fejn iqis il-ħtieġa li jagħmel dan. Ix-xhud ikkonferma li l-*webmaster agreement* li jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn is-soċjetà konvenuta u l-*affiliates* tagħha jinbidel minn żmien għal żmien, u fost l-emendi li jirriżulta li saru minn meta l-attur kien iffirma l-ftehim mas-soċjetà konvenuta, kienet saret emenda fis-sezzjoni li tirregola t-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn is-soċjetà konvenuta u l-*affiliates* tagħha.[22] Ix-xhud qal li dan it-tibdil sar sabiex l-intenzjonijiet tas-soċjetà konvenuta jkunu ċari għall-partijiet kollha involuti.

[21] Meta lix-xhud sarlu suġġeriment li bħala *managing director* kien imissu għamel ir-rapporti neċessarji, dan wieġeb: "*[w]hy should I make any incident report? Our system was not down. Our system was working perfectly. Why should I report to the MGA? We report to the MGA if something happens and the customer has not access to the games, have no access to their account, have no access to anything.*"

[22] L-klawsola l-ġdida testwalment taqra: "*Our company reserves the right to terminate the account that violates the terms and conditions and the funds forfeited to Eurocasinobet without any notice.*"

Permezz ta' nota tat-22 ta' Ġunju, 2016,[23] l-attur ippreżenta skambju ta' *emails* tad-19 ta' Jannar 2012 bejn Sergios Alaverdian, impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *affiliate department manager,* u l-attur, fejn Sergios Alaverdian indika lill-attur li l-kwistjoni bejnu u s-soċjetà konvenuta kienet ġiet riżolta[24]; kopja tat-termini u kundizzjonijiet ta' Eurocasinobet.com stampati fit-12 ta' April, 2016[25] u kopja tal-istess termini u kundizzjonijiet stampati fit-22 ta' Ġunju, 2016.[26]

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2016 sar il-kontroeżami ta' **Ioannis Chrysakis**[27], li qal li huwa ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal erba' snin bħala *search engine optimisator* fuq Google, Yahoo, Bing u *search engines* simili, u fix-xogħol tiegħu huwa janalizza l-*google analytics* u l-prodotti l-oħra kollha ta' Google. Qal ukoll li hu m'għandu l-ebda kwalifiki minn Google li jikkwalifikawh bħala espert, iżda huwa kien ilu jaħdem f'dan il-qasam għal madwar għaxar snin. Ix-xhud qal ukoll li l-ewwel darba li ħadem fil-qasam tal-*online gaming* kien meta beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li ħlief għal sitwazzjonijiet fejn ikunu qegħdin isiru testijiet fuq sistema, mhux possibbli li *clicks* joriġinaw minn post u jintbagħtu lejn l-istess post, pereżempju minn Eurocasinobet lura lejn Eurocasinobet. Qal li l-*click ID* tikkonsisti minn numru ta' tnejn u tletin (32) figura, u huwa kien irrefera dan in-numru lil Michalis Kallikas sabiex dan ikun jista' jiddetermina min huwa l-

[23] *A fol.* 312 tal-proċess.
[24] *A fol.* 313 tal-proċess.
[25] *A fol.* 316 tal-proċess. Taħt is-sezzjoni 'Termination' jingħad illi: "(1) *This Agreement may be terminated by either party by giving a thirty (30) days written notification to the other party. Written notification may be given by an email. (2) The Company defines the right to close the Affiliate account in case of inactivity. It means in case of not advertising our Company or our Affiliate partner's website or in case of inactivity of Affiliate partner's website. An informative email will be sent to the Affiliate partner."*
[26] *A fol.* 318 tal-proċess. Taħt is-sezzjoni 'Termination', iddaħħlet klawsola ġdida numru (3) li tgħid: "*Our Company reserves the right to terminate the account that violates the Terms and Conditions and the funds forfeited to EuroCasinoBet without any notice."*
[27] *A fol.* 321 tal-proċess.

utent li kien qiegħed jagħmel użu mis-sistema b'dan il-mod. Ix-xhud qal li l-*click ID* tiġi ġġenerata mis-sistema tas-soċjetà konvenuta, u speċifikament mill-*Euro affiliate programme.* Żied jispjega li l-*click ID* hija unika għal kull *click.* Ix-xhud qal li l-*google analytics* jispeċifikaw biss li kien hemm viżitatur fuq is-sit, għalkemm dan isir b'mod anonimu. Qal ukoll li s-sistema ta' *google analytics* tirreġistra li xi ħadd ikun żar is-sit u minn hemm toħroġ id-*data* rilevanti.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2016 sar il-kontroeżami ta' **Michalis Kallikas**[28], li qal li s-suspetti dwar l-attur kienu qamu oriġinarjament wara li saret investigazzjoni minn ċertu Cerios Anabertiana, li kien impjegat mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li wara li ġie infurmat is-Sur Panikos, l-investigazzjoni tkompliet minnu, filwaqt li aktar tard saru aktar verifiki minn Ioannis Chrysakis li kompla jinvestiga fuq il-*google analytics.* Ix-xhud qal li s-sehem tiegħu f'din l-investigazzjoni kien jinvolvi t-tqabbil ta' *data* minn *google analytics* ma' *data* mid-*database* tas-soċjetà konvenuta, u huwa kien ippreżenta s-sejbiet tiegħu lis-Sur Panikos. Ix-xhud spjega li d-*database* tas-soċjetà konvenuta tirreġistra tnejn u tletin (32) numru li jirrappreżentaw il-*click ID,* u dik il-*click ID* tiġi assoċjata mal-ID tal-*affiliate* li jkun qiegħed jagħmel użu minnha. Ix-xhud qal li huwa possibbli li jkun hemm riżultat minn Eurocasinobet lejn Eurocasinobet fuq *google analytics,* u dan jiġri jekk utent ikun diġà qiegħed jagħmel użu mis-sit web ta' Eurocasinobet, jagħfas il-*link* li tmur fid-direzzjoni ta' Eurocasinobet, u b'dak il-mod ir-riżultat ikun li l-konnessjoni saret minn Eurocasinobet lejn Eurocasinobet. Ix-xhud kompla jispjega:

---

[28] *A fol.* 324 tal-proċess.

> *"If the link is somehow inside Eurocasinobet, if it was placed there and it goes to the registration page, if it's inside Eurocasinobet the affiliate webpage, then the origin page is obviously Eurocasinobet because it's directed from Eurocasinobet to Eurocasinobet."*

Ix-xhud qal ukoll li tqanqlu suspetti li l-attur kien qiegħed jagħmel użu minn diversi *affiliate accounts* li kienu kollha jappartjenu lilu, għalkemm dan ma setax jiġi stabbilit b'ċertezza. Ix-xhud qal li tibdil fid-*database* jista' jsir biss minn persuni li għandhom aċċess għad-*database* u li għandhom ukoll aċċess bil-VPN (*virtual private network*) għas-*server*. Qal li tali *data* tista' tinbidel biss minn ħaddiema li jaħdmu internament fl-istrutturi tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud żied jgħid li filwaqt li huwa possibbli li tidħol *link* mill-paġna ta' Eurocasinobet.com għall-paġna ta' Eurocasinobet.com, din mhijiex prassi normali fost il-*commission agents* minħabba li l-iskop ta' dawn il-*links* huwa li dawn jitpoġġew fil-paġni tal-portal tal-*affiliates,* fil-paġni tar-reklamar, u sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tat-traffiku li jiġi dirett lejn is-sit tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma wkoll li filwaqt li persuna b'għarfien dwar is-sistema tal-informatika tas-soċjetà konvenuta tkun tista' toħloq *link,* din il-*link* ma tinqabadx mis-sistema tal-*google analytics.*

Permezz ta' digriet tas-16 ta' Awwissu, 2016, il-Qorti ħatret lil **Anthony Vassallo**, espert fl-IT, bħala perit tekniku ġudizzjarju sabiex jirrelata dwar it-talbiet u l-kontrotalbiet tal-partijiet f'din il-kawża, u partikolarment dwar l-allegazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta Eurocasinobet Limited dwar l-użu tas-sistema elettronika b'mod qarrieq sabiex l-attur jiġbor aktar kummissjonijiet milli kienu mistħoqqa lilu. Ir-rapport imħejji mill-espert tekniku ġudizzjarju Anthony Vassallo ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2017, u dan ikkonstata li mid-dokumenti u mix-xhieda li diġà kienu ġew ippreżentati

f'din il-kawża, huwa seta' jasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Is-sistema li titħaddem mis-soċjetà konvenuta ġiet spjegata fil-qosor mill-espert tekniku ġudizzjarju b'dan il-mod:

> *"Eurocasinobet owns an online system whereby a third party can register to become an affiliate. This system can be accessed through http://www.Euroaffilatepro.com/. Upon registration, a unique user ID, along with a username and password, is assigned to the affilate (in this case the user ID being 2716). Through the Euroaffilatepro.com website, the affiliate can access links (that can be in the form of banners, images, etc.) generated by the system and such links can be incorporated in the affilate's website to redirect traffic to Eurocasinobet. When an internet user clicks on the link through the affiliate's website, a unique thirty two digit number is automatically generated, referred to as the Click ID. This Click ID is then forwarded to Eurocasinobet website. Eurocasinobet's server records each Click ID that it receives and through these records Eurocasinobet would be able to calculate the commission payable to each associate since each ID is also associated to the affiliate's user ID."*

L-espert tekniku ġudizzjarju Anthony Vassallo żamm għadd ta' seduti u analizza l-provi prodotti sabiex jistabbilixxi jekk sarx użu mhux korrett tas-sistema, u fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu qal li huwa ma jistax jistabbilixxi b'ċertezza min jew x'kien li wassal biex ir-*referer field* tiġi mmanipulata. L-espert tekniku ġudizzjarju qal li hemm tliet possibilitajiet li jwasslu għall-konklużjoni li r-*referer field* ġiet minn *domains* tal-Euroaffiliatepro.com jew tal-Eurocasinobet.com. L-ewwel waħda minnhom li l-*links* saru direttament minn siti web relatati mal-attur. Din il-possibilità ġiet eskluża mill-espert tekniku ġudizzjarju in vista tal-fatt li l-aċċess għas-*system code* kien limitat għal impjegati ta' Eurocasinobet Limited, kif ukoll għax dawn il-*links* ma nstabux fuq siti web ta' Eurocasinobet. L-espert tekniku Anthony Vassallo qal ukoll li jista' jkun li minflok intużaw *links,* sar użu minn *pop-ups* sabiex inkiseb aċċess għas-sit web ta' Eurocasinobet, li awtomatikament

ħaddmu l-funzjonalità tas-sistema tal-*clicks.* Din l-ipotesi ma setgħetx tiġi kkonfermata minħabba li l-*code* oriġinali kien inbidel minn meta saret l-allegazzjoni inkwistjoni mis-soċjetà konvenuta. Kien hemm ukoll il-possibilità li saru alterazzjonijiet għar-*referer field.* L-espert tekniku ġudizzjarju kkonkluda li l-ammont ta' traffiku li kellu r-*referer field* kien jammonta għal erbgħa punt tlieta ħamsa fil-mija (4.35%) biss tat-traffiku kollu ġġenerat. Dan l-ammont huwa ferm żgħir meta wieħed jikkunsidra li l-ammont ta' *clicks* involuti kien jeċċedi l-erba' mitt elf (400,000). L-espert tekniku ġudizzjarju Anthony Vassallo kkonkluda r-rapport tiegħu billi qal:

> "*Although the findings in this report do not exclude the fact that there might have been some form of misuse, in my opinion, the statistics supplied by Mr. Hvizdak indicate that enough traffic was generated to substantiate the amount of clicks being reported by Eurocasinobet Limited.*"

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat nota b'għadd ta' domandi għall-eskussjoni tal-espert tekniku Anthony Vassallo.[29] Fir-risposti tiegħu li ġew ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti fid-19 ta' Settembru, 2017, l-espert tekniku ġudizzjarju qal li hu ma ħassx il-ħtieġa li jikseb aċċess għas-sistema interna tas-soċjetà konvenuta peress li waqt it-tieni seduta li nżammet fil-preżenza ta' Panikos Photi, dan kien infurmah li s-sit web inkwistjoni kien inbena mill-ġdid wara li seħħ dak allegat mill-esponenti tas-soċjetà konvenuta u għalhekk l-espert tekniku ġudizzjarju ma kienx konvint li dak li jista' jikkonstata llum għandu xi rilevanza għas-sistema kif kienet titħaddem fiż-żmien inkwistjoni. L-espert tekniku Anthony Vassallo qal li minn dak li ġie spjegat lilu mis-soċjetà konvenuta anki waqt it-tieni seduta li saret fil-preżenza ta' esponenti tal-istess kumpannija, huwa seta' jikkonstata li kellu biżżejjed informazzjoni għall-finijiet

[29] *A fol.* 363 tal-proċess.

tar-rapport li ntalab iħejji. Qal ukoll li ma kellu ebda raġuni għalfejn jiddubita l-awtentiċità tar-rapporti pprovduti mill-attur fir-rigward tal-ammont ta' traffiku ġġenerat mis-siti web tiegħu. L-espert tekniku Anthony Vassallo spjega wkoll li hu għamel analiżi komparattiva permezz ta' *data* pprovduta lilu mill-partijiet b'mod indipendenti, u huwa telaq mill-premessa li l-partijiet aġixxew in *bona fede*. Żied jgħid li huwa seta' jikkonstata li l-għadd ta' utenti li aċċessaw is-siti web tal-attur kiber konsiderevolment tul iż-żmien, u li n-numru ta' żjajjar fis-sit web tas-soċjetà konvenuta qatt ma eċċeda n-numru ta' żjajjar li saru fis-sit web tal-attur. L-espert tekniku ġudizzjarju qal li hu ma jistax jeskludi xenarju fejn l-attur ripetutament għafas il-*links* huwa stess jew qabbad lil min jagħmel dan f'ismu sabiex iżid il-kummissjonijiet għalih nnifsu, għalkemm qal li dan jirrikjedi ammont konsiderevoli ta' ħin u xogħol. Qal ukoll li mill-informazzjoni mogħtija lilu mill-partijiet, hu la jista' jikkonferma u lanqas jeskludi li l-attur seta' rċieva ħlas ta' kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu.

L-attur ippreżenta l-*affidavit* ta' **Pavol Kosovic**[30], ex impjegat tas-soċjetà konvenuta, li qal li f'Awwissu tal-2007 huwa kien l-uniku *programmer* li kien jaħdem fuq is-sit www.Eurocasinobet.com, u dan is-sit kien ġie varat u beda jaħdem fl-14 ta' April, 2008. Ix-xhud qal li huwa kien ilu jaf lill-attur għal madwar għoxrin (20) sena, u kien jaf li l-attur kien persuna idonea biex jaġixxi bħala *affiliate partner,* u kien għalhekk li ħajru jibda jagħmel xi xogħol għas-soċjetà konvenuta. Qal li kien biss wara ftit xhur li beda jiġi nnutat li kien qiegħed jiġi ġġenerat ammont konsiderevoli ta' traffiku lejn is-sit tas-soċjetà konvenuta permezz tax-xogħol tal-attur, anki għax dan kien qiegħed iqatta'

[30] *A fol.* 374 tal-proċess.

ħin konsiderevoli jaħdem fuq is-siti tiegħu kif ukoll kellu klassifiċi tajbin fuq il-Google. Ix-xhud qal li huwa waqaf jaħdem mas-soċjetà konvenuta wara li emigra lejn in-Norveġja. Spjega kif id-*data* dwar l-*affiliate partners* kienet tinżamm kemm fuq is-*server* tas-soċjetà konvenuta kif ukoll fuq in-NetEnt *servers*. Kemm l-*affiliate partners* kif ukoll l-impjegati tas-soċjetà konvenuta kellhom il-possibilità li jaraw id-*data* dwar l-*affiliates* u l-plejers tagħhom. Ix-xhud qal li l-*affiliates* kollha setgħu jaċċessaw din is-sistema sabiex jivverifikaw jekk hemmx kummissjoni dovuta lilhom, u din id-*data* kienet tirrifletti d-*data* li kienet tinżamm mis-soċjetà konvenuta, għalkemm kienu biss l-amministraturi tas-sit u esponenti tas-soċjetà konvenuta f'karigi għolja li kellhom aċċess għad-*data* maħżuna fil-*casino module* b'mod dirett. Ix-xhud spjega wkoll li tali *data* ma tistax tiġi mħassra:

> *"If the player account was tagged with affiliate code by registration, this tag was stored in casinomodule and this state could not be removed from database. It was possible to delete this tag but all intervention was recorded to history database tables. As I remember we did not use this function. It was possible to tag player in casino module backend with affiliate code manually, but the user account, date and all players and affiliates data was stored in history as well. This just to clarify that all these things were protected for any possible fraud from the inside of the company. Tomas did not have an administrator or management account and did not have access to the casino module directly and because of this Tomas could not change any of the data in relation to player data and commission due to him."*

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Dr Ivan Grixti**[31], li qal li wara li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti, huwa ma kienx għadu *key official* tas-soċjetà konvenuta għaliex din kienet irrinunzjat għal-liċenzja tagħha u m'għadhiex topera fil-ġurisdizzjoni Maltija. Ix-xhud qal li għajr għall-attur, huwa ma jafx li ġew itterminati kuntratti ma' *affiliates* oħra

[31] *A fol.* 379 tal-proċess.

tas-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li huwa ma ġiex infurmat mis-soċjetà konvenuta jew minn esponenti tagħha li dawn ma xtaqux iħallsu lill-attur. Żied jgħid li meta nqala' l-każ tal-attur, is-soċjetà konvenuta qieset li kien hemm ksur tal-kuntratt da parti tal-attur, u għalhekk ħasset il-ħtieġa li titterminalu l-kuntratt b'mod immedjat. Ix-xhud qal li r-raġuni ewlenija għalfejn is-soċjetà konvenuta qieset li kellha tittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellha mal-attur kienet għax kien rriżultalha li dan ħoloq *user names* fittizji sabiex jirċievi flus li ma kinux dovuta lilu. Ix-xhud qal li meta nfetħet il-kawża kien sar eżerċizzju da parti tas-soċjetà konvenuta, li permezz tiegħu kien ġie stabbilit li kien hemm aġir frawdolenti da parti tal-attur. Ix-xhud qal li kienu tlieta r-raġunijiet għalfejn ir-relazzjoni kummerċjali mal-attur ġiet itterminata, fosthom il-fatt li uża *domain names* mingħajr il-kunsens tas-soċjetà konvenuta, il-fatt li ppermetta li fuq is-siti web tiegħu jkun hemm diskors dispreġjattiv fir-rigward tal-*management* tas-soċjetà konvenuta, liema diskors għamel ħsara lill-istess kumpannija, kif ukoll għax irriżultaw *click ids* li meta sar *audit trail* tagħhom ġie stabbilit li dawn reġgħu spiċċaw għand l-attur. Għad-domanda dwar jekk is-soċjetà konvenuta saritx taf b'xi gwadann mhux leġittimu li seta' għamel l-attur anki wara li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet ġiet itterminata, ix-xhud wieġeb li hu mhux f'qagħda li jikkonferma dan.

Permezz ta' nota ppreżentata fil-5 ta' Marzu 2018, l-attur ippreżenta kopji tal-prokuri speċjali li permezz tagħhom huwa awtorizza lil Dr David Gonzi, lil Dr Daniela Bugeja Mangion u lil Dr Deo Falzon jaġixxu bħala mandatarji speċjali tiegħu f'din il-kawża.[32]

[32] *A fol.* 390 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur[33], li qal li x-xogħol tiegħu jinvolvi l-bini ta' siti web għall-industrija tal-logħob tal-azzard. Qal li f'dawn is-siti huwa għandu logħob li jintlagħab f'*casino* fejn il-ġukaturi jistgħu jilagħbu mingħajr ħlas, u fuq kull sit huwa għandu *links* għal *casinos* li jippromwovi hu, u kull darba li persuna żżur is-sit tiegħu u tagħmel *click* fuq waħda minn dawn is-siti, dik l-informazzjoni tiġi maħżuna, sabiex kull darba li ġukatur, wara li jirreġistra fis-siti, jilagħab il-flus u jitlef, l-attur jirċievi kummissjoni mingħand is-soċjetà konvenuta. B'riferiment għall-konnessjoni tiegħu ma' Pavol Kosovic u ma' Robert Viletel, l-attur qal li Pavol Kosovic kien ħabib kbir tiegħu, filwaqt li lil Robert Viletel sar jafu wara li ġie ntrodott lilu minn Pavol Kosovic. L-attur ikkonferma li l-kollaborazzjoni tiegħu mas-soċjetà konvenuta bdiet fl-2009, u anki qabel ġie ffirmat il-ftehim bejniethom fl-2011, huwa kien diġà rċieva xi ħlasijiet mingħand is-soċjetà konvenuta. L-attur ġie mistoqsi jekk huwa kellux għarfien biżżejjed tal-mod kif kienet taħdem is-sistema interna tas-soċjetà konvenuta, u dan wieġeb li huwa mhux *developer* u m'għandux għarfien tal-*coding,* u għalhekk ma kellux aċċess għall-*management system* tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li Pavol Kosovic kellu dan l-aċċess minħabba li kien *developer.* L-attur ikkonferma li bħala *affiliate* tas-soċjetà konvenuta huwa kellu r-responsabbilità li jaġixxi dejjem fl-aħjar interessi tagħha, anki sabiex issir kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti li kienet toffri. B'riferiment għat-test li deher fuq is-sit web tiegħu, fejn l-attur ippermetta li tidher sentenza li ġiet interpretata mis-soċjetà konvenuta bħala waħda dispreġjattiva fil-konfront tagħha, l-attur qal li t-test kien fih madwar ħmistax-il sentenza, b'kontenut pożittiv dwar is-soċjetà konvenuta, b'sentenza waħda fl-aħħar li poġġiet fid-dubju l-ħiliet tal-*management* tal-

[33] A fol. 396 tal-proċess.

kumpannija. L-attur spjega li ż-żieda qawwija li huwa ra fil-kummissjonijiet imħallsa lilu fl-2010 u fl-2011 kienet dovuta għall-fatt li ġukatur partikolari, magħruf bħala 'Dorell123', kien qiegħed jilagħab u jitlef ħafna flus, u spjega li madwar sebgħin fil-mija (70%) tal-kummissjonijiet imħallsa lilu f'dak il-perijodu kienu minħabba l-attività ta' dan il-ġukatur partikolari. L-attur ġie mistoqsi jekk jistax ikun li huwa esperjenza din iż-żieda fil-kummissjonijiet imħallsa lilu minħabba f'*links* li jew huwa nnifsu jew xi ħadd awtorizzat minnu, daħħal fuq siti web tas-soċjetà konvenuta, u l-attur wieġeb li ma jistax jimmaġina kif dan hu possibli. Huwa żied jispjega illi:

> *"I mean with the code you can do everything but I have a statement from Pavol Kosovic who left actually two years before this players signed up who said that before he left what triggered his leaving was that another developer was hired by Eurocasinobet and he had to sit in front of the server and people were watching his finger as he was downloading the code then they were checking the code if there was anything dodgy."*

Permezz ta' nota tal-5 ta' Ottubru 2018, l-attur ippreżenta *statement* li jindika l-kummissjonijiet imħallsa lilu mis-soċjetà konvenuta fil-perijodu bejn l-2009 u l-2011.[34] Permezz ta' nota ppreżentata fit-8 ta' Novembru, 2018, l-attur ippreżenta kopja ta' deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Robert Vyletel, detentur tal-passaport Slovakk numru PO148454 kif lokalment rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Dr David Gonzi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 551078(M)** ***vs.*** **Eurocasinobet Limited (C42708)**.[35]

[34] *A fol.* 408 tal-proċess.
[35] *A fol.* 430 tal-proċess.

## **Konsiderazzjonijiet legali**

It-talba ewlenija li qiegħed iressaq l-attur f'dawn il-proċeduri hija sabiex is-soċjetà konvenuta tiġi ddikjarata responsabbli għad-danni kkaġunati lilu minħabba l-aġir tagħha wara li mingħajr ma tat ebda preavviż lill-attur, hija itterminat ir-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet kellhom bejniethom, u naqset milli tħallas lill-attur il-kummissjonijiet dovuta lilu għal perijodu ta' żmien meta l-attur kien għad għandu aċċess għall-attivitajiet ta' ġukaturi introdotti minnu lis-soċjetà konvenuta, u kummissjonijiet oħra li l-attur jippretendi li huma dovuta lilu wara li lilu tteħidlu dan l-aċċess. Il-pożizzjoni li ħadet is-soċjetà konvenuta f'dawn il-proċeduri hija li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li ebda danni ma ġew ikkawżai lilu, u eċċepiet ukoll li kienet hi li sofriet danni minħabba fl-aġir illegali u abbużiv tal-attur. Is-soċjetà konvenuta ċaħdet li l-aċċess tal-attur sabiex isegwi l-attività ta' ġukaturi introdotti minnu, twaqqaf minnha b'mod abbużiv u illegali, u sostniet il-pożizzjoni li ħadet tul dawn il-proċeduri li da parti tal-attur kien hemm raġġiri u manuvri li wassluha biex tittermina r-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet kellhom bejniethom mingħajr il-ħtieġa li tagħti xi preavviż lill-attur f'dak is-sens. Is-soċjetà konvenuta allegat li kien hemm tliet istanzi ta' imġiba mhux xierqa da parti tal-attur, liema imġiba kienet tammonta għal ksur tal-obbligi fiduċjarji li l-attur kellu fil-konfront tagħha, fosthom billi dan għamel użu minn *domain names* li kienu ġew akkwistati mis-soċjetà konvenuta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni jagħmel dan, li l-attur kien ippermetta li jingħad kliem dispreġattiv fil-konfront tas-soċjetà konvenuta fuq is-sit web tiegħu, meta l-iskop ewlieni tar-relazzjoni tal-partijiet kien li l-attur jikkummerċjalizza u jiġbed traffiku lejn in-negozju tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll li permezz ta'

raġġiri u strutturi mfassla mill-attur, dan kien ġabar kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu.

In vista ta' dawn l-eċċezzjonijiet imqajma mis-soċjetà konvenuta, din ressqet ukoll kontrotalba f'dawn il-proċeduri, fejn wara li spjegat in-natura tar-relazzjoni li hija kellha mal-attur, sostniet li l-attur kien għamel manuvri illeċiti sabiex jingħata kummissjonijiet aktar minn dawk li kienu dovuta lilu. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti allegat li l-attur kellu għarfien ta' kif taħdem is-sistema interna tagħha, u għamel użu minn dan l-għarfien sabiex joħloq sistema li permezz tagħha kiser l-obbligi fiduċjarji imposti fuqu permezz tar-relazzjoni kummerċjali li żviluppat bejn il-partijiet. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti allegat ukoll li meta l-attur ippermetta l-użu ta' kliem dispreġattiv fil-konfront tagħha fuq sit web użat minnu sabiex jidderieġi traffiku lejn is-siti tas-soċjetà konvenuta, dan ikkawża dannu lir-reputazzjoni u l-*goodwill* tagħha u konsegwenza ta' dan l-għemil, il-kuntratt bejn il-partijiet ġie tterminat *ipso jure* mingħajr ma kien hemm il-ħtieġa li s-soċjetà konvenuta tagħti xi forma ta' preavviż lill-attur li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet qiegħda tiġi tterminata. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ħadet ukoll il-pożizzjoni li l-attur rikonvenzjonat għandu jinżamm responsabbli ta' ksur tal-obbligi fiduċjarji li bihom kien marbut magħha, u in vista ta' dan talbet lill-Qorti tillikwida d-danni allegatament sofferti minnha.

Il-Qorti eżaminat il-provi li tressqu mill-partijiet fil-kawża, sabiex tkun f'pożizzjoni li tiddetermina t-talbiet u l-kontrotalbiet imressqa mill-partijiet. Mill-provi jirriżultalha li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti hija kumpannija li ġiet reġistrata f'Malta u kienet kisbet liċenzja mill-awtoritajiet Maltin sabiex topera fil-qasam tal-logħob tal-azzard f'distanza. Sabiex tiġi megħjuna tattira

klijenti lejn in-negozju tagħha, is-soċjetà konvenuta kellha ftehim ma' diversi *affiliates* tagħha, li permezz ta' *links* fuq is-siti web tagħhom, setgħu jidderiġu traffiku u klijenti lejn is-sit web tas-soċjetà konvenuta. L-attur kien wieħed minn dawn l-*affiliates* li beda jikkollabora mas-soċjetà konvenuta fl-2009, u r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet ġiet ifformalizzata fl-2011 wara li l-attur qabel li jiffirma l-*Webmaster Agreement* u daħal fl-*affiliate programme* li kien ġie varat mis-soċjetà konvenuta. Il-ftehim ewlieni bejn il-partijiet kien jistipula li l-attur kellu jitħallas kummissjonijiet ta' tletin fil-mija (30%) fuq il-qligħ nett iġġenerat mis-soċjetà konvenuta. L-attur seta' jimmonitorja l-ammonti dovuti lilu billi ngħata aċċess għall-attività tal-ġukaturi introdotti minnu lis-soċjetà konvenuta, b'mod li kultant żmien seta' jara l-ġukaturi introdotti minnu kemm kienu qegħdin jilagħbu u jitilfu flus, u abbażi ta' dan seta' jikkalkula kemm kienu l-kummissjonijiet dovuta lilu.

Il-Qorti qieset dak li qal l-attur kif minkejja li din is-sistema ħadmet tajjeb għal perijodu ta' sena wara li ġie varat l-*affiliate programme,* f'Mejju tal-2012 ġie rtirat l-aċċess li huwa kellu sabiex jimmonitorja l-attivitajiet tal-ġukaturi introdotti minnu lis-soċjetà konvenuta, u għalhekk ma setax jibqa' jivverifika kemm kienu l-kummissjonijiet dovuta lilu. L-attur qal ukoll li l-aħħar kummissjoni dovuta lilu li tħallset mis-soċjetà konvenuta kienet fil-bidu ta' Jannar tal-2012, u għalhekk hemm somma ċerta u likwida li hija dovuta lilu mis-soċjetà konvenuta rappreżentanti l-kummissjonijiet li għandhom jitħallsu lilu għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tal-2012, kif ukoll għad hemm dovuti lilu ammonti verjuri oħra li huwa ma jistax jistabbilixxi kemm huma peress li wara Mejju tal-2012 huwa ma kellux aktar aċċess għas-sistema. L-attur qal li in vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta qatt ma tatu xi forma ta' preavviż li kienet

qiegħda tittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellha miegħu, l-ammont ta' kummissjonijiet fuq l-attività ta' ġukaturi introdotti minnu, baqa' dovut lilu, anki għall-perijodu ta' wara Mejju 2012.

Il-klawsola rilevanti li tirregola l-mod kif l-*Webmaster Agreement* seta' jiġi tterminat, tgħid li l-ftehim seta' jiġi tterminat minn xi wieħed mill-partijiet jekk jingħata preavviż ta' tletin (30) ġurnata bil-miktub lill-parti l-oħra, u tali preavviż bil-miktub seta' jingħata wkoll permezz ta' *email.* Mill-provi jirriżulta wkoll li sussegwentement għall-intavolar ta' dawn il-kawża, is-soċjetà konvenuta emendat il-*Webmaster Agreement* tagħha b'mod li dan beda jispeċifika li l-ftehim bejn il-partijiet seta' jiġi tterminat *ipso jure* u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preavviż f'każ li jinstab li kien hemm ksur tal-obbligi fiduċjarji da parti ta' xi *affiliate* tagħha.

Il-ġrajjiet li wasslu sabiex ir-relazzjoni bejn il-partijiet tibda tixxellef, seħħew f'Jannar tal-2012, meta d-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta ikkuntattja lill-attur u qallu li fuq is-sit web tiegħu kien qiegħed jidher materjal li s-soċjetà konvenuta ma kinitx kuntenta bih. Jirriżulta li dan il-materjal kien jikkonsisti f'riċensjoni li l-attur kien talab li tinkiteb minn *content writer* dwar għadd ta' *casinos* li huwa kien affiljat magħhom, u fost il-kummenti tagħha, din il-*content writer* qajmet dubji dwar il-kwalità tal-*management* tas-soċjetà konvenuta, minkejja li l-kumplament tat-test kien wieħed pożittiv għas-soċjetà konvenuta. L-attur qal ukoll li permezz tal-istess telefonata, Panikos Photis kien qallu li fuq il-URL tal-attur kien qiegħed jidher isem il-*casino* operat mis-soċjetà konvenuta, meta l-attur ma kellu ebda awtorizzazzjoni jagħmel użu minn dan l-isem jew minn xi *domain names* li ġew akkwistati mis-soċjetà konvenuta. L-attur żied jgħid li min-naħa tiegħu huwa għamel dak kollu li kien

rikjest minnu sabiex jikkonforma max-xewqat tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. L-attur xehed li hekk kif inġibditlu l-attenzjoni għal dan il-kontenut, huwa kien ħa ħsieb ineħħih minnufih, u għalih din il-kwistjoni kienet waqfet hemm, tant hu hekk li f'korrispondenza li kellu mal-*affiliate development manager* tas-soċjetà konvenuta, sar riferiment għal dawn il-kwistjonijiet u għall-fatt li l-attur kien ikkonforma mat-talbiet li sarulu mis-soċjetà konvenuta, u dan kien informa lill-attur li għas-soċjetà konvenuta kollox kien sewwa.

L-attur qal ukoll li wara li kellu din it-telefonata ma' Panikos Photi, il-ħlasijiet tal-kummissjonijiet li kien jirċievi mis-soċjetà konvenuta waqfu immedjatament, u f'Mejju ta' dik is-sena stess, wara li l-attur kien għamel għadd ta' telefonati u pprova jagħmel kuntatt mas-soċjetà konvenuta anki bl-*emails,* kien itteħidlu l-aċċess li kellu għas-sistema interna tas-soċjetà konvenuta b'mod li ma setax ikompli jimmonitorja l-attività tal-ġukaturi introdotti minnu. Din ix-xhieda tal-attur, li huwa ma kienx ġie infurmat li ma kienx ser jitħallas tal-kummissjonijiet dovuta lilu, u li ma kienx ingħata xi forma ta' preavviż li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kienet qiegħda tiġi tterminata, ġiet korroborata minn dak li xehdu esponenti tas-soċjetà konvenuta stess. Panikos Photis innifsu waqt id-depożizzjoni tiegħu, qal li s-soċjetà konvenuta għandha diversi obbligi imposti fuqha, fosthom mill-awtoritajiet Maltin, u hija tħaddem sistema li permezz tagħha tagħmel verifiki dwar l-*affiliates* tagħha sabiex jiġi assigurat li dawn ukoll jikkonformaw ma' dawn l-obbligi. Panikos Photis xehed li l-attur kien għamel użu minn *domain names* li kienu ġew akkwistati mis-soċjetà konvenuta, meta huwa ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni jagħmel dan. Barra minn hekk l-attur kien ippermetta l-

użu ta' kliem dispreġattiv fuq is-sit web tiegħu meta r-rwol ewlieni tiegħu kien li jattira klijenti ġodda lejn in-negozju tas-soċjetà konvenuta. Dan ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà konvenuta kellha dritt tittermina l-kuntratt li kellha mal-attur f'każ ta' xi ksur min-naħa tal-attur ta' xi parti minn dan il-ftehim, u dan mingħajr il-ħtieġa li s-soċjetà konvenuta tagħti xi forma ta' preavviż lill-attur. Dan ix-xhud ikkonferma li l-attur la ġie infurmat li ma kienx ser jitħallas il-kummissjonijiet dovuta lilu, u lanqas ma ġie infurmat li r-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet kienet ġiet itterminata.

Mix-xhieda mogħtija minn Panikos Photis jirriżulta li għall-ewwel is-soċjetà konvenuta ħasset il-ħtieġa li tittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellha mal-attur għax dan kien għamel użu minn *domain names* tagħha meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni jagħmel dan, kif ukoll għax ippermetta l-użu ta' dak li ġie interpretat bħala kliem dispreġattiv fil-konfront tagħha. Kien wara li nġibdet l-attenzjoni tal-attur għal dawn in-nuqqasijiet u dan min-naħa tiegħu ħa ħsieb li jikkonforma mat-talbiet li sarulu mis-soċjetà konvenuta, li impjegati tas-soċjetà konvenuta attiraw l-attenzjoni ta' diriġenti tas-soċjetà konvenuta li xi ħadd mill-*affiliates* tagħha kien qiegħed jagħmel użu irregolari mis-sistema. F'dan ir-rigward xehdu kemm Ioannis Chrysakis kif ukoll Michalis Kallikas li t-tnejn li huma qalu li kien ġie stabbilit minnhom li xi ħadd mill-utenti tas-sistema kien qiegħed jagħmel *clicks* mis-sit web tas-soċjetà konvenuta lejn l-istess sit. Saru aktar investigazzjonijiet dwar dan mis-soċjetà konvenuta, u dawn il-*clicks* ġew intraċċjati lura lejn l-attur, li min-naħa tiegħu ċaħad li hu kellu l-għarfien jew l-għodda neċessarja sabiex b'xi mod jagħmel manuvri li jistgħu jwasslu għall-ħlas lilu ta' kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu. Ix-xhud Dr Ivan Grixti, li kien *key official* tas-soċjetà konvenuta, qal li kienu tlieta

l-lanjanzi li wasslu lis-soċjetà konvenuta tiddeċiedi li tittermina r-relazzjoni kummerċjali mal-attur, liema nuqqasijiet jinkludu l-użu ta' *domain names* mill-attur mingħajr ma kien awtorizzat li jagħmel dan, l-użu ta' diskors li s-soċjetà konvenuta qieset li kien dispreġattiv fil-konfront tagħha, kif ukoll l-evidenza li kellha s-soċjetà konvenuta li tindika li l-attur seta' ħa xi flus f'kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu. Dan ix-xhud qal ukoll li ladarba l-attur kiser obbligi fiduċjarji u obbligi oħra naxxenti mir-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet kellhom bejniethom, ir-relazzjoni bejn il-partijiet ġiet itterminata *ipso jure.*

Il-Qorti semgħet ukoll lix-xhud Andrea Grungo mill-kumpannija RSM, li kienet tikkollabora mas-soċjetà konvenuta, jgħid li huwa ma kellu ebda raġuni għalfejn jissuspetta fl-attività tal-attur.

Tqis li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda ssejjes il-kontrotalba tagħha fuq il-pretensjoni li l-attur għamel użu minn għarfien tas-sistema interna tagħha sabiex b'xi mod fassal struttura li wasslet li jingħata kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu, u dan bi ksur tar-regoli tas-sigurtà tal-istess kumpannija. Minkejja din l-allegazzjoni, Panikos Photis xehed waqt il-kontroeżami li sarlu, li l-attur ma kellux aċċess għal informazzjoni sensittiva tas-soċjetà konvenuta, iżda kellu aċċess biss għall-*Euro affiliate programme* li minnu seta' jara l-kont tiegħu u jagħmel eżerċizzju ta' kummerċjalizzazzjoni għas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta wkoll li minkejja l-allegazzjonijiet serji li għamlet is-soċjetà konvenuta li kien hemm da parti tal-attur xi ksur tal-protezzjoni tad-*data* jew ksur tas-sigurtà ċibernetika, liema ksur jitqies li hu reat serju ħafna fis-sistema legali tagħna, madanakollu mix-xhieda mogħtija minn Panikos Photis innifsu, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta fl-ebda waqt ma ħasset il-ħtieġa li tagħmel rapport formali mat-taqsima tas-*cyber crime* tal-

Pulizija ta' Malta, jew mal-Malta Gaming Authority, li hija l-awtorità regolatorja f'dan il-qasam. Kien biss wara li l-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni, li s-soċjetà konvenuta ressqet il-kontrotalba tagħha fejn wara li ppremettiet li l-aġir tal-attur ikkawżalha dannu, talbet lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tirrileva li x-xhud Panikos Photis ikkonferma li l-aċċess li kellu l-attur għas-sistema tal-*affiliates* imħaddma mis-soċjetà konvenuta, ingħalaq saħansitra qabel li s-soċjetà konvenuta kellha l-informazzjoni li Ioannis Chrysakis ikkompila mis-sistema tal-*google analytics*. Għalhekk is-soċjetà konvenuta kienet diġà ddeċidiet li kellha tittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellha mal-attur, anki qabel kellha prova jew indizji f'idejha li dan seta' għamel xi manuvri jew raġġiri sabiex jattira lejh ħlas ta' kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-istess Panikos Photis tkellem mal-attur diversi drabi fuq it-*telephone,* dan fl-ebda waqt ma ħass il-ħtieġa li jinfurmah li l-kummissjonijiet li suppost kienu dovuta lilu ma kinux ser jitħallsu, jew inkella li l-*account* tiegħu mas-soċjetà konvenuta kien ser jingħalaq. Minflok l-esponenti tas-soċjetà konvenuta ħassew li jkun aktar opportun li jħallu lill-attur jiskopri waħdu li kien itteħidlu l-aċċess għall-*affiliate programme,* u li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kienet qiegħda tiġi tterminata, u dan minkejja li l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet jistipula b'mod ċar li l-parti li tkun qiegħda tfittex li tittermina r-relazzjoni mal-parti l-oħra, għandha tagħmel dan billi tagħti preavviż bil-miktub ta' mill-inqas tletin (30) ġurnata.

Il-Qorti tqis li kienu diversi x-xhieda li qalu li l-attur ma kellux aċċess għal informazzjoni sensittiva miżmuma mis-soċjetà konvenuta, u għalhekk dan ma

kellux l-għodda neċessarja biex seta' jagħmel manuvri jew raġġiri u jieħu ħlas ta' kummissjonijiet bi ħsara għall-interessi tas-soċjetà konvenuta. Dan ġie stabbilit mhux biss minn xhieda li llum ma għad għandhom l-ebda relazzjoni mas-soċjetà konvenuta, fosthom Pavol Kosovic li kkonferma li kienu biss l-amministratur tas-sit u l-esponenti tas-soċjetà konvenuta f'karigi għoljin li kellhom aċċess għad-*data* maħżuna fil-*casino module,* imma anki minn Panikos Photis innifsu li qal li l-attur ma kellux aċċess għal *data* sensittiva tal-kumpannija, imma biss għall-*Euro affiliate programme* li minnu seta' jimmonitorja l-interessi tiegħu.

F'kawża fejn is-suġġett li nġab għall-konsiderazzjoni tal-Qorti huwa daqstant tekniku, il-Qorti ħatret espert tekniku sabiex jassistiha billi jirrelata dwar l-operat tas-soċjetà konvenuta u dwar ir-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet kellhom bejniethom, dejjem fil-kuntest tat-talbiet u l-kontrotalbiet tal-partijiet. Il-konklużjoni tal-espert tekniku ġudizzjarju Anthony Vassallo f'dan ir-rigward kienet li hu ma sabx biżżejjed provi sabiex jikkonkludi li l-attur għamel xi raġġiri li permezz tagħhom tħallas kummissjonijiet li ma kinux dovuta lilu. L-espert tekniku ġudizzjarju stabbilixxa li l-għadd ta' żjajjar li saru fis-sit web tas-soċjetà konvenuta qatt ma eċċeda ż-żjajjar li saru fis-sit web tal-attur, u li l-ammont ta' traffiku li kellu *referer field* kien jammonta biss għal 4.35% tat-traffiku kollu ddevjat lejn is-sit web tas-soċjetà konvenuta. L-istess espert tekniku ġudizzjarju spjega li sabiex il-manuvri li s-soċjetà konvenuta allegat li saru mill-attur iseħħu b'suċċess, hemm il-ħtieġa ta' ħin u sforzi konsiderevoli, u għalhekk tqies li mhux probabbli li xi ħadd kien ser jinvolvi ruħu f'daqstant xogħol u telf ta' ħin sabiex jinfluwenza perċentwal daqstant żgħir ta' traffiku ddevjat. Kienu dawn il-fatturi li wasslu lill-espert tekniku ġudizzarju jikkonkludi

li ma hemmx biżżejjed provi li l-attur ħa kummissjonijiet aktar milli kienu dovuta lilu.

Tqis li l-attur kellu jirċievi ħlas ta' kummissjoni li jammonta għal tletin fil-mija (30%) tal-qligħ nett iġġenerat mis-soċjetà konvenuta wara li ġukaturi introdotti mill-attur jagħmlu telf fil-logħob li jipparteċipaw fih. Għaldaqstant sabiex l-attur jipparteċipa f'xi forma ta' kummissjonijiet li jitħallsu mis-soċjetà konvenuta, mhux biżżejjed li jkun hemm żjajjar fis-sit web tas-soċjetà konvenuta, jew sempliċiment *clicks* fuq il-*links* li jidhru fuq siti web promossi mill-attur, iżda kellu jkun hemm r-reġistrazzjoni tal-utent, u jsir ħlas attwali mill-utent fuq il-logħob li jkun interessat jipparteċipa fih. Barra minn hekk irid ikun hemm ukoll telf mill-utent li jissarraf fi qligħ għas-soċjetà konvenuta, sabiex finalment titħallas kummissjoni ta' tletin fil-mija (30%) lill-attur fuq il-profitt li s-soċjeta konvenuta tkun għamlet għaliha. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, li l-Qorti qiegħda tagħmel tagħha l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert tekniku ġudizzjarju Anthony Vassallo, u tiddeċiedi li m'hemmx provi sufficjenti li l-attur għamel xi raġġiri jew manuvri oħra li permezz tagħhom approprja għalih innifsu ħlasijiet indebiti b'dannu għas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tirrileva li in vista tan-natura dettaljata tar-rapport imħejji mill-espert tekniku ġudizzjarju, kif ukoll tar-risposti mogħtija minnu għall-eskussjoni li saritlu, għandha tagħmel tagħha dawn il-konklużjonijiet, għaliex kif intqal tajjeb fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Benjamin Camilleri nomine *vs.* Charles Debattista nomine**[36]:

> "f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu biex serenament jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-

[36] Q.A., 09.02.2001.

> mertu, iżda wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati."

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għal dak li ntqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Champalin Company Limited *vs.* Emmanuel Debono et**[37]:

> "Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam,* il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalità sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux (App. Ċiv. 9/2/2001 – **Camilleri *vs* Debattista**). Għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li toqgħod għall-fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha (Kap. 12 Art. 681), madanakollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli (App. Ċiv. 23/6/1967 – **Bugeja *vs* Muscat et.**"

Barra minn hekk il-Qorti lanqas tista' tikkorrelata l-allegazzjonijiet li saru mis-soċjetà konvenuta, li l-attur għamel użu minn *domain names* li ma kienx awtorizzat jagħmel użu minnhom u li l-attur ippermetta l-użu ta' kliem dispreġattiv fuq sit web tiegħu, mad-danni li s-soċjetà konvenuta tallega li sofriet, jew li b'daqshekk l-attur allegatament kiser xi obbligi fiduċjarji li kien marbut bihom fil-konfront tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. Mill-provi jirriżulta li hekk kif inġibdet l-attenzjoni tal-attur għall-fatt li s-soċjetà konvenuta ma kinitx kuntenta b'xi dettalji li dehru fuq is-sit web tiegħu, l-attur mill-ewwel ħa ħsieb li jirretifika l-kontenut ippubblikat fuq il-mezzi tiegħu sabiex jikkonforma max-xewqat tal-esponenti tas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta

[37] P.A., 01.03.2004.

wkoll li din il-kwistjoni ġiet riżolta fi ftit ħin, tant hu hekk li f'korrispondenza ulterjuri li l-attur kellu ma' esponenti tas-soċjetà konvenuta, fosthom mal-*affiliate development manager* tagħha Sergios Alaverdian, dan kien infurmah illi *"it is ok now."* Lanqas ma jirriżulta mill-provi li dawn il-kwistjonijiet reġgħu tqanqlu f'korrispondenza sussegwenti li l-attur kellu ma' Panikos Photis innifsu, u għalhekk jirriżulta li għas-soċjetà konvenuta din il-kwistjoni kienet ġiet riżolta bl-intervent f'waqtu tal-attur li ħa ħsieb jikkorreġi xi nuqqasijiet li ġew indikati lilu. Għandu jiġi rilevat ukoll li filwaqt li esponenti tas-soċjetà konvenuta ħassewhom komdi jattiraw l-attenzjoni tal-attur għal xi nuqqasijiet li dan seta' wera, fl-ebda ħin ma ħassewhom komdi jgħidulu b'mod espliċitu li l-ħlas tal-kummissjonijiet dovuta lilu ma kienx ser isir, jew li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kienet qiegħda tiġi tterminata, u minflok ħallew jgħaddi tul ta' żmien, meta l-attur saħansitra mar għal btala fit-Tajlandja, u ħallew lill-attur jiskopri waħdu li kien tneħħielu l-aċċess għall-*affilate programme* fuq il-premessa li ladarba kien hemm ksur tal-obbligi fiduċjarji da parti tal-attur, is-soċjetà konvenuta kellha jedd tittermina r-relazzjoni kummerċjali miegħu unilateralment u mingħajr il-ħtieġa li ttih preavviż dwar dan. Il-Qorti tqis li dan mhux aġir li għandu jitqies li huwa aċċettabbli fid-dinja tan-negozju, fejn ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet huma ħafna drabi msejsa fuq il-fiduċja reċiproka bejn il-partijiet, u fejn l-ebda parti m'għandha titħalla tiddeċiedi unilateralment dwar jekk kienx hemm ksur tal-obbligi tal-parti l-oħra fil-konfront tagħha. Ma tistax parti jew oħra tassumi r-rwol ta' ġudikant, u tiddeċiedi b'mod unilaterali li l-għemil tal-parti l-oħra jammonta għal ksur ta' xi obbligu li l-partijiet jista' jkollhom fil-konfront ta' xulxin, jew li tieħu l-liġi b'idejha u tiddeċiedi li ma tħallasx dak li ġie miftiehem minnha. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li huwa proprju minħabba f'hekk li f'materji

kummerċjali, bosta kuntratti u ftehim jikkontemplaw soluzzjoni alternattiva għat-tilwim li jinqala' bejn il-partijiet, sabiex anki fejn il-partijiet ikollhom diffikultà jirrikorru għall-qrati ta' xi ġurisdizzjoni partikolari, l-partijiet xorta waħda jkollhom l-opportunità li jieħdu t-tilwima tagħhom quddiem struttura jew tribunal indipendenti u imparzjali sabiex jiġi determinat it-tilwim ta' bejniethom. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti tirrileva li lilha ma jirriżultalhiex li l-attur b'xi mod kiser l-obbligi fiduċjarji li huwa kellu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, u anke jekk kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-attur, dawn ma sarux b'*mala fede*, anki għax l-attur ħa ħsieb jikkorreġi s-sitwazzjoni minnufih.

Tqis li l-kliem dispreġattiv li s-soċjetà konvenuta allegat li nkiteb fir-rigward tal-operat tagħha, deher f'waħda mir-reċensjonijiet li l-attur talab *content writer* tikteb dwar id-diversi *casinos* li huwa kien jaħdem magħhom. Wieħed jistenna li meta jaqra reċensjoni, din tkun kemm jista' jkun onesta u li tagħti stampa ċara u veritiera tan-negozju jew entità li tkun, u għalhekk huwa mistenni li f'reċensjoni li wieħed jaqra dwar aspetti li jistgħu ma jkunux daqstant pożittivi. Anzi aktarx li meta reċensjoni tkun onesta u kif suppost li għandha tkun, huwa proprju dak li tagħmel, tikkritika aspetti li ma jkunux daqstant pożittivi jew li fihom hemm lok għal titjib. Għaldaqstant l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta li l-attur b'xi mod naqas mill-obbligi fiduċjarji li huwa kellu fil-konfront tagħha minħabba li ppermetta kritika kostruttiva dwar l-operat tagħha fuq wieħed mis-siti tiegħu, m'għandhiex tiġi milqugħha. Għandu jiġi rilevat ukoll li s-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova li permezz tagħha ssostanzjat il-pretensjoni tagħha li hija sofriet xi danni, jew li minħabba f'hekk hija tilfet xi klijenti li preċedentement kienu ġew iddevjati

lejha bis-saħħa tal-attur, u għalhekk it-talba tagħha għal-likwidazzjoni ta' danni li hija tallega li ġew sofferti minnha, għandha tiġi miċħuda.

Il-Qorti tqis li f'relazzjoni kummerċjali ta' din ix-xorta, mhuwiex aċċettabbli li kuntratt jew ftehim bejn il-partijiet jiġi riżolt *ipso jure,* u fi kwalunkwe każ il-ftehim li jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, jagħmilha ċara li l-parti li tkun trid tittermina r-relazzjoni kummerċjali tagħha mal-parti l-oħra, għandha tagħmel dan billi tagħti preavviż bil-miktub ta' mill-anqas tletin (30) ġurnata, liema preavviż bil-miktub jinkludi l-possibilità li dan jingħata permezz ta' *email.* Minkejja li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta għal xi żmien wara Jannar tal-2012 baqgħet tikkomunika mal-attur, anki permezz tal-*email,* għal xi raġuni li tafha hija biss, din baqgħet ma infurmatx lill-attur li hija kienet ser tittermina r-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet kellhom bejniethom. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attur għamel diversi tentattivi sabiex jikkomunika ma' esponenti tas-soċjetà konvenuta b'diversi modi, dawn baqgħu qatt ma qalulu b'mod espress li l-ftehim bejniethom kien qiegħed jiġi tterminat, u għalhekk ħallew lill-attur ikompli jopera bħala *affiliate* anki meta esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu ddeċidew li jneħħuh mill-*affiliate programme* tagħhom.

Il-Qorti kkonsidrat dak li xehdu kemm Panikos Photi kif ukoll Dr Ivan Grixti, fejn it-tnejn li huma kkonfermaw li s-soċjetà konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li ma tħallasx lill-attur dak li kien dovut lilu. Barra minn hekk mid-dokumenti esebiti minn Panikos Photi stess[38], jirriżulta li l-kummissjonijiet li jidhru fuq l-i*statement* tal-attur għall-perijodu bejn is-17 ta' Jannar, 2012 u s-

[38] Esebiti *a fol.* 300 *et seq.* tal-proċess.

27 ta' Ġunju, 2012, is-soċjetà konvenuta qieset li dawn ġew '*forfeited/cancelled'*. Kalkolu ta' dawn il-kummissjonijiet abbażi tad-dokumenti ppreżentati mill-*managing director* tas-soċjetà konvenuta stess, iwassal għaċ-ċifra ta' disgħa u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€29,357.16). L-attur ippremetta li l-uniku kalkolu li seta' jagħmel hu min-naħa tiegħu kien fir-rigward tal-ħlas tal-kummissjonijiet dovuta lilu għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tas-sena 2012, u wara Mejju l-aċċess tiegħu għall-*affiliate programme* ingħalaq u għalhekk ma setax jivverifika kemm kien l-ammont ta' kummissjonijiet dovuti lilu wara dan il-perijodu.

Il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja li fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2016 ix-xhud Panikos Photi kien obbliga ruħu li kien ser jippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa li jindikaw kif inħadmu l-kummissjonijiet talvolta dovuti lill-attur, kien biss fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018, li l-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta vverbalizza li l-patroċinata tiegħu m'għadx għandha fil-pussess tagħha tali dokumenti minħabba tibdil fis-sistemi interni tal-istess kumpannija, kif ukoll minħabba li din ma baqgħetx topera. Għaldaqstant l-uniċi dokumenti li għandha l-Qorti bħala prova ta' dak li huwa dovut lill-attur, huma dawk li jindikaw li għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tal-2012, kien dovut lill-attur l-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€29,357.16). Ma jirriżultax lanqas li b'xi mod l-attur irrinunzja għall-ħlas tal-kummissjonijiet dovuta lilu, kif donnha implikat is-soċjetà konvenuta meta niżżlet il-kelma '*forfeited*' fuq l-*istatement* tal-kummissjonijiet dovuta lill-attur, u l-Qorti hija tal-fehma li lanqas ma jista' jintqal li l-kummissjonijiet dovuta lill-attur ġew b'xi mod ikkanċellati, tenut

kont li kemm Panikos Photis kif ukoll Dr Ivan Grixti xehdu li s-soċjetà konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li ċċaħħad lill-attur mill-ħlasijiet dovuti lilu.

Fit-tielet talba tiegħu l-attur talab lill-Qorti tillikwida l-ammont ta' kummissjonijiet dovuta lilu bejn il-ġurnata li fiha ġie mblukkat l-aċċess tiegħu għall-*affiliate programme* tas-soċjetà konvenuta sal-lum, u dan filwaqt li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta xoljiet l-operat tagħha fl-2017. Mill-atti proċesswali ma jirriżulta li tressqet l-ebda prova li turi x'tip ta' attività baqgħet tiġi rreġistrata wara Mejju 2012 minn ġukaturi li ġew iddevjati mill-attur lejn is-sit tas-soċjetà konvenuta, jekk tali attività baqgħet għaddejja. L-attur naqas li jġib prova li wara Mejju tal-2012 huwa baqa' jiddevja traffiku lejn is-sit tas-soċjetà konvenuta, għalkemm mill-provi dokumentarji esebiti minn esponenti tas-soċjetà konvenuta, jirriżulta li almenu sa Ġunju tal-2012, kien għad hemm kummissjonijiet dovuta lill-attur. Huwa għalhekk li l-Qorti qiegħda tillikwida t-total ta' kumpens dovut lill-attur fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin Euro u sit**t**ax-il ċenteżmu (€29,357.16), kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti fil-kawża. Mill-bqija kien jinkombi fuq l-attur li jġib prova li wara Mejju tal-2012 huwa baqa' jaħdem bħala *affiliate* għas-soċjetà konvenuta, flimkien mal-prova anki jekk waħda approssimattiva tal-ammont ta' kummissjonijiet li huwa jippretendi li huma dovuta lilu bħala kumpens għas-servizzi reżi minnu. Il-Qorti tapprezza li jista' jkun hemm diffikultà sabiex tinkiseb tali prova, iżda in vista tan-nuqqas ta' prova li tikkonvinċi lill-Qorti li wara Mejju tal-2012 l-attur baqa' jikkollabora mas-soċjetà konvenuta, il-Qorti tqis li l-ebda kumpens ulterjuri mhuwa dovut lill-attur, għajr għal dak li diġà ġie likwidat.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti;**

2. **Tiċħad it-talbiet kollha li għamlet is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fil-kontrotalba tagħha;**

3. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu li saru mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għat-talbiet tal-attur;**

4. **Tilqa' t-talbiet tal-attur billi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas id-danni kkawżati lill-attur minħabba fl-aġir tagħha, u tillikwida l-kummissjoni li hija dovuta lill-attur għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tal-2012 fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€29,357.16). Peress li l-attur illimita t-talba tiegħu għall-ammont ċert ta' sebgħa u għoxrin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€27,787.08), filwaqt li mill-provi rriżulta li huwa dovut l-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€29,357.16), il-Qorti qiegħda tilqa' wkoll r-raba' talba tal-attur bil-likwidazzjoni tal-ammont li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li huwa dovut lill-attur.**

**Spejjeż tal-kawża jinqasmu kwantu għal 20% għall-attur u 80% għas-soċjetà konvenuta. Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.